ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 299

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 55

27 ta' Ottubru 2012

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2012/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE fir-rigward tal-farmakoviġilanza** ([1]) ..... 1

★ **Direttiva 2012/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet orfni** ([1]) ..... 5

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni Nru 994/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija** ([1]) ..... 13

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 4**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 995/2012 tas-26 ta’ Ottubru 2012 li jimplimenta d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrigwarda l-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija** (1) ..... 18

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 996/2012 tas-26 ta’ Ottubru 2012 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni tal-għalf u l-ikel li joriġina jew li ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta’ Fukushima u li jħassar ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 284/2012** (1) ..... 31

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 997/2012 tas-26 ta’ Ottubru 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħxejjex ..... 42

DEĊIŻJONIJIET

2012/664/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar it-tnedija ta’ skambju awtomatizzat ta’ data fir-rigward ta’ Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fl-Isvezja** ..... 44

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/665/PESK tas-26 ta’ Ottubru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea** ..... 45

2012/666/UE:

★ **Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta’ Ottubru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2008/855/KE dwar il-miżuri ta’ kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-Ungerija** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 7433)* (1) ..... 46

2012/667/UE:

★ **Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta’ Ottubru 2012 li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta’ emerġenza meħuda biex tiġi miġġielda l-influwenza avjarja fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2011** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 7440)* ..... 47

2012/668/UE:

★ **Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta’ Ottubru 2012 li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta’ emerġenza meħuda għall-ġlieda kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Bulgarija fl-2011** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 7454)* ..... 49

MT

(1) Test b’relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2012/26/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-25 ta' Ottubru 2012**

**li temenda d-Direttiva 2001/83/KE fir-rigward tal-farmakoviġilanza**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 u l-punt (c) tal-Artikolu 168(4)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Inċidenti farmakoloġiċi riċenti fl-Unjoni wrew il-bżonn ta' proċedura awtomatika fil-livell tal-Unjoni f'każijiet ta' kwistjonijiet speċifiċi tas-sigurtà sabiex jiġi żgurat li kwistjoni hija vvalutata u indirizzata fl-Istati Membri kollha fejn il-prodott mediċinali huwa awtorizzat. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċeduri differenti tal-Unjoni dwar prodotti awtorizzati f'livell nazzjonali, kif stipulat fid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ([3]),.għandu jiġi ċċarat.

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 201.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2012.

([3]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.

(2) Barra minn hekk, azzjoni volontarja min-naħa tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ma għandiex twassal għal sitwazzjoni fejn il-kwistjonijiet marbuta mar-riskji jew il-benefiċċji ta' prodott mediċinali awtorizzat fl-Unjoni mhumiex indirizzati b'mod xieraq fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, id-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq għandu jkun obbligat jinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini dwar ir-raġunijiet għall-irtirar jew għat-twaqqif tat-tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali, għat-talba biex awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq tiġi revokata, jew sabiex awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ma tiġġeddidx.

(3) Huwa xieraq li jiġu ċċarati u msaħħa aktar il-Proċedura Normali u l-Proċedura Urġenti tal-Unjoni sabiex ikunu żgurati l-koordinazzjoni, il-valutazzjoni rapida f'każ ta' urġenza u l-possibbiltà li tittieħed azzjoni immedjata, meta jkun meħtieġ biex titħares is-saħħa pubblika, qabel ma tittieħed deċiżjoni fil-livell tal-Unjoni. Il-Proċedura Normali għandha tinbeda għal kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kwalità, is-sikurezza jew l-effikaċja ta' prodotti mediċinali meta jkunu involuti l-interessi tal-Unjoni. Il-Proċedura Urġenti tal-Unjoni għandha tinbeda meta tkun meħtieġa valutazzjoni rapida ta' preokkupazzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjoni ta' dejta minn attivitajiet ta' farmakoviġilanza. Irrispettivament minn jekk tiġix applikata l-Proċedura Urġenti tal-Unjoni jew il-Proċedura Normali, u irrispettivament mill-proċedura li permezz tagħha il-prodott mediċinali ġie awtorizzat, kemm jekk tkun ċentralizzata kif ukoll jekk le, il-Kumitat tal-Evalwazzjoni tar-Riskju fil-qasam tal-Farmakoviġilanza għandu dejjem jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu meta r-raġuni għat-teħid ta' azzjoni tkun ibbażata fuq dejta mill-farmakoviġilanza. Huwa xieraq li l-grupp ta' koordinazzjoni u l-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem għandhom joqogħdu fuq din ir-rakkomandazzjoni meta jkunu qed iwettqu l-valutazzjoni tal-kwistjoni.

(4) Huwa xieraq li l-Istati Membri jġibu każijiet li jikkonċernaw kontraindikazzjonijiet ġodda, tnaqqis fid-doża rakkomandata jew restrizzjonijiet tal-indikazzjoni għal prodotti mediċinali awtorizzati skont il-proċedura deċentralizzata u l-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku

għall-attenzjoni tal-grupp ta' koordinazzjoni meta ma tinbediex il-Proċedura Urġenti tal-Unjoni. Sabiex jiżgura l-armonizzazzjoni għal dawk il-prodotti, il-grupp ta' koordinazzjoni jista' jiddiskuti jekk tinħtieġx xi azzjoni fil-każ li l-ebda Stat Membru ma jkun ta bidu għall-Proċedura Normali.

(5) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tarmonizza r-regoli dwar il-farmakoviġilanza madwar l-Unjoni kollha ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex ikun jista' jintlaħaq dan l-għan.

(6) Għalhekk, id-Direttiva 2001/83/KE għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2001/83/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 23a, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Jekk il-prodott ma jibqax jitqiegħed fis-suq ta' Stat Membru, kemm jekk temporanjament kif ukoll b'mod permanenti, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu javża lill-awtorità lokali kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Dik in-notifikazzjoni għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir f'mhux anqas minn xahrejn qabel l-interruzzjoni fit-tqegħid fis-suq tal-prodott. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bir-raġunijiet għal tali azzjoni skont l-Artikolu 123(2).";

(2) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, meta jiġi sodisfatt wieħed mill-kriterji elenkati fl-Artikolu 107i(1), il-proċedura stipulata fl-Artikoli 107i sa 107l għandha tapplika.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn ir-referiment lill-Kumitat ikun jikkonċerna firxa ta' prodotti mediċinali jew klassi terapewtika, l-Aġenzija tista' tillimita l-proċedura għal ċerti partijiet speċifiċi tal-awtorizzazzjoni.

F'dak il-każ, l-Artikolu 35 għandu jgħodd għal dawk il-prodotti mediċinali biss jekk kienu koperti bil-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija f'dan il-Kapitolu.

Fejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura mnedija skont dan l-Artikolu jikkonċerna sensiela ta' prodotti mediċinali jew klassi terapewtika, il-prodotti mediċinali awtorizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jappartjenu lil din is-sensiela jew klassi għandhom ukoll jiġu inklużi fil-proċedura.

3. Bla ħsara għall-paragrafu 1, Stat Membru jista', meta tkun neċessarja azzjoni urġenti biex titħares is-saħħa pubblika fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, jissospendi l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u jipprojbixxi l-użu tal-prodott mediċinali kkonċernat fit-territorju tiegħu sakemm tiġi adottata deċiżjoni definittiva. Għandu jinforma lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istati Membri l-oħra, mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li jmiss, dwar ir-raġunijiet għall-azzjoni tiegħu.

4. Meta l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura mibdija skont dan l-Artikolu, kif determinat skont il-paragrafu 2, jinkludi prodotti mediċinali awtorizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004, il-Kummissjoni tista', meta tkun neċessarja azzjoni urġenti biex tithares is-saħħa pubblika fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, tissospendi l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u tipprojbixxi l-użu tal-prodotti mediċinali kkonċernati sakemm tiġi adottata deċiżjoni definittiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Aġenzija u lill-Istati Membri l-oħra mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li jmiss dwar ir-raġunijiet għall-azzjoni tagħha.";

(3) fl-Artikolu 34(3), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura mibdija skont l-Artikolu 31 jinkludi prodotti mediċinali awtorizzati bir-Regolament (KE) Nru 726/2004 skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 31(2) ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha, fejn meħtieġ, tadotta deċiżjonijiet biex tvarja, tissospendi jew tirrevoka l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq jew biex tirrifjuta t-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet tat-tqegħid fis-suq ikkonċernati.";

(4) fl-Artikolu 37, il-kliem "L-Artikoli 35 u 36 għandhom japplikaw" huwa sostitiwit bil-kliem "L-Artikolu 35 għandu japplika";

(5) l-Artikolu 63 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-dettalji għall-ittikkettjar elenkati fl-Artikoli 54, 59 u 62 għandhom jidhru f'lingwa uffiċjali jew f'lingwi uffiċjali tal-Istat Membru, fejn il-prodott mediċinali jkun tqiegħed fis-suq, kif speċifikat, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, minn dak l-Istat Membru.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-fuljett tal-pakkett għandu jkun miktub u disinjat b'mod li jkun ċar u jinftiehem, u li jippermetti

lill-utenti jaġixxu kif xieraq, meta jkun meħtieġ bl-għajnuna ta' professjonisti tas-saħħa. Il-fuljett tal-pakkett għandu jkun jinqara b'mod ċar f'lingwa uffiċjali jew f'lingwi uffiċjali tal-Istat Membru, fejn il-prodott mediċinali jkun tqiegħed fis-suq, kif speċifikat, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, minn dak l-Istat Membru.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitiwit b'dan li ġej:

"3. Meta l-prodott mediċinali ma jkunx maħsub biex jitwassal direttament lill-pazjent, jew meta jkun hemm problemi serji fir-rigward tad-disponibbiltà talprodott mediċinali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, skont il-miżuri li jqisu meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata is-saħħa tal-bniedem, jagħtu eżenzjoni millobbligu li ċerti dettalji għandhom jidhru fuq l-ittikkettjar u fil-fuljett tal-pakkett. Jistgħu jagħtu wkoll eżenzjoni sħiħa jew parzjali mill-obbligu li l-ittikkettjar u l-fuljett tal-pakkett iridu jkunu f'lingwa uffiċjali jew f'lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-prodott mediċinali jkun tqiegħed fis-suq, kif speċifikat, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, minn dak l-Istat Membru .";

(6) L-Artikolu 85a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 85a*

Fil-każ tad-distribuzzjoni bl-ingrossa tal-prodotti mediċinali lill-pajjiżi terzi, l-Artikolu 76 u l-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 80 m'għandhomx japplikaw. Barra minn hekk, il-punti (b) u (ca) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 80 m'għandhomx japplikaw fejn il-prodott hu direttament riċevut minn pajjiż terz iżda mhux importat. Madankollu, f'dak il-każ id-distributuri bl-ingrossa għandhom jiżguraw li l-prodotti mediċinali jinkisbu biss minn persuni li jkunu awtorizzati jew intitolati li jfornu prodotti mediċinali skont id-dispożizzjonijiet legali u ammninistrattivi applikabbli tal-pajjiż terz konċernat. Meta d-distributuri bl-ingrossa jfornu prodotti mediċinali lil persuni f'pajjiżi terzi, għandhom jiżguraw li tali provvisti jsiru biss lil persuni li jkunu awtorizzati jew intitolati li jirċievu prodotti mediċinali għal distribuzzjoni bl-ingrossa jew forniment lill-pubbliku skont id-dispożizzjonijiet legali u amministrattivi applikabbli tal-pajjiż terz konċernat. Irrekwiżiti stipulati fl-Artikolu 82 għandhom japplikaw għall-provvista ta' prodotti mediċinali lil persuni f'pajjiżi terzi awtorizzati jew intitolati li jfornu prodotti mediċinali lill-pubbliku.";

(7) fl-Artikolu 107i, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Stat Membru jew il-Kummissjoni, kif xieraq, għandu abbażi ta' preokkupazzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjoni ta' dejta minn attivitajiet ta' farmakoviġilanza jibda l-proċedura prevista f'din it-taqsima billi javża lill-Istati Membri l-oħra, lill-Aġenzija u l-Kummissjoni fejn:

(a) jikkunsidra li jissospendi jew jirrevoka awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq;

(b) jikkunsidra l-projbizzjoni tal-forniment ta' prodott mediċinali;

(c) jikkunsidra li jirrifjuta t-tiġdid ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq; jew

(d) huwa mgħarraf mid-detentur ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq li, fuq il-bażi ta' tħassib dwar is-sikurezza, id-detentur waqqaf it-tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali jew ħa azzjoni sabiex tiġi rtirata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, jew biħsiebu jieħu tali azzjoni, jew m'applikax għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

1a. Stat Membru jew il-Kummissjoni, kif xieraq, għandhom, abbażi ta' preokkupazzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjoni ta' dejta minn attivitajiet ta' farmakoviġilanza, jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra, lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni, meta jikkunsidraw li kontraindikazzjoni ġdida, tnaqqis fid-doża rakkomandata jew restrizzjoni għall-indikazzjonijiet ta' prodott mediċinali huma meħtieġa. L-informazzjoni għandha tiddeskrivi l-azzjoni kkunsidrata u r-raġunijiet għaliha.

Kull Stat Membru jew il-Kummissjoni, kif xieraq, għandhom, meta jitqies li tinħtieġ azzjoni urġenti, jibdew il-proċedura prevista f'din it-taqsima fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet imsemmija f'dan il-paragrafu.

Meta l-proċedura prevista f'din it-taqsima ma tinbediex, għal prodotti mediċinali awtorizzati skont il-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III, il-każ għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-grupp ta' koordinazzjoni.

L-Artikolu 31 għandu jkun applikabbli meta jkunu involuti l-interessi tal-Unjoni.

1b. Meta l-proċedura prevista f'din it-taqsima tinbeda, l-Aġenzija għandha tivverifika jekk it-tħassib dwar is-sikurezza jirrelatax ma' prodotti mediċinali barra minn dawk li huma koperti mill-informazzjoni, jew jekk huwiex komuni għall-prodotti kollha li jappartjenu lill-istess sensiela jew klassi terapewtika.

Fejn il-prodott mediċinali involut ikun awtorizzat f'iktar minn Stat Membru wieħed, l-Aġenzija għandha mingħajr dewmien mhux xieraq tinforma lill-inizjatur tal-proċedura dwar ir-riżultat ta' din il-verifika, u l-proċeduri stipulati fl-Artikoli 107j u 107k għandhom japplikaw. Inkella, it-tħassib dwar is-sikurezza għandu jiġi indirizzat lill-Istati Membri kkonċernati. L-Aġenzija jew l-Istat Membru, kif applikabbli, għandhom jagħmlu l-informazzjoni li l-proċedura nbdiet disponibbli għad-detenturi ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.";

(8) fl-Artikolu 107i(2), il-kliem "il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu" għandu jinbidel bil-kliem "il-paragrafi 1 u 1a ta' dan l-Artikolu";

(9) fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 107i(3), il-kliem "skont il-paragrafu 1" jinbidel bil-kliem "skont il-paragrafi 1 u 1a";

(10) fl-Artikolu 107i(5), il-kliem "fil-paragrafu 1" jinbidel bil-kliem "fil-paragrafi 1 u 1a";

(11) fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 107j(1), il-kliem "fl-Artikolu 107i(1)" jinbidel bil-kliem "fil-paragrafi 1 u 1a tal-Artikolu 107i";

(12) l-Artikolu 123 huwa emendat kif ġej:

(a) il-pargrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Id-detentur ta awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jkun obbligat li jinnotifika lill-Istati Membri konċernati minnufih dwar kull azzjoni li jieħu id-detentur biex jissospendi t-tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali, li jirtira prodott mediċinali mis-suq, li jitlob l-irtirar ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew biex ma japplikax għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, flimkien mar-raġunijiet għal dik l-azzjoni. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu, b'mod partikolari, jiddikjara jekk tali azzjoni hijiex ibbażata fuq xi waħda mir-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 116 jew l-Artikolu 117(1).

2a. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jagħmel in-notifika wkoll skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu f'każijiet fejn l-azzjoni tittieħed f'pajjiż terz u fejn tali azzjoni tkun ibbażata fuq xi waħda mir-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 116 jew l-Artikolu 117(1).

2b. Barra minn hekk, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jinnotifika lill-Aġenzija meta l-azzjoni msemmija fil-paragrafi 2 jew 2a ta' dan l-Artikolu tkun ibbażata fuq xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 116 jew l-Artikolu 117(1).

2c. L-Aġenzija għandha tgħaddi n-notifiki kollha li rċeviet skont il-paragrafu 2b lill-Istati Membri kollha mingħajr dewmien eċċessiv.";

(b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Kull sena l-Aġenzija għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku lista tal-prodotti mediċinali li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ġew rifjutati, revokati jew sospiżi fl-Unjoni, li l-provvista tagħhom ġiet projbita jew li ġew irtirati mis-suq, inklużi r-raġunijiet għal tali azzjoni.".

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-28 ta' Ottubru 2013. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mit-28 ta' Ottubru 2013.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-25 ta' Ottubru 2012.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. D. MAVROYIANNIS |

# DIRETTIVA 2012/28/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-25 ta' Ottubru 2012

## dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet orfni

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 53(1), 62 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Libreriji, stabbilimenti edukattivi u mużewijiet li huma aċċessibbli għall-pubbliku, u kif ukoll arkivji, istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku jew awdjo u organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliku, stabbiliti fl-Istati Membri huma impenjati fid-diġitizzazzjoni fuq skala kbira tal-kollezzjonijiet jew arkivji tagħhom biex joħolqu Libreriji Diġitali Ewropej. Huma jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u d-disseminazzjoni tal-wirt kulturali Ewropew, li huwa importanti wkoll għall-ħolqien ta' Libreriji Diġitali Ewropej bħall-Europeana. It-teknoloġiji għad-diġitizzazzjoni massiva ta' materjal stampat u għat-tiftix u l-indiċjar isaħħu l-valur tar-riċerka tal-kollezzjonijiet tal-libreriji. Il-ħolqien ta' libreriji online kbar jiffaċilita għodod elettroniċi ta' tiftix u riċerka li jifthu sorsi ġodda ta' esplorazzjoni għar-riċerkaturi u l-akkademiċi u li kieku ma jkunx hekk, ikollhom jikkuntentaw b'metodi ta' riċerka aktar tradizzjonali u analoġiċi.

(2) Il-ħtieġa li jiġi promoss il-moviment liberu tal-konoxxenza u l-innovazzjoni fis-suq intern hija komponent importanti tal-Istrateġija Ewropa 2020, kif spjegat fil-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Ewropa 2020: Strateġija għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv", li tinkludi, bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin, l-iżvilupp ta' Aġenda Diġitali għall-Ewropa.

(3) Il-ħolqien ta' qafas legali li jiffaċilita d-diġitizzazzjoni u d-disseminazzjoni ta' xogħlijiet u materjal ieħor li huma protetti bid-dritt tal-awtur jew bi drittijiet relatati u li għalihom ma ġie identifikat l-ebda detentur tad-dritt jew li għalihom id-detentur tad-dritt, anki jekk ġie identifikat, ma ġiex lokalizzat, l-hekk imsejħa xogħlijiet orfni, huwa azzjoni ewlenija tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, kif spjegat fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bl-isem "Aġenda Diġitali għall-Ewropa". Din id-Direttiva tindirizza l-problema speċifika tad-determinazzjoni legali tal-istatus ta' xogħlijiet orfni u tal-konsegwenzi tiegħu f'dak li jirrigwarda l-utenti permessi u l-użi permessi ta' xogħolijiet jew fonogrammi li jkunu meqjusin bħala xogħolijiet orfni.

(4) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal soluzzjonijiet speċifiċi li qed jiġu żviluppati fl-Istati Membri biex jindirizzaw kwistjonijiet akbar tad-diġitizzazzjoni massiva, bħal fil-każ tal-hekk imsejħa "xogħlijiet li mhumiex fil-kummerċ". Dawn is-soluzzjonijiet iqisu l-ispeċifiċitajiet tat-tipi differenti ta' kontenut u utenti differenti u jibnu fuq il-kunsens tal-persuni interessati rilevanti. Dan l-approċċ ġie segwit ukoll fil-Memorandum ta' Qbil dwar prinċipji ewlenin dwar diġitizzazzjoni u tqegħid għad-dispożizzjoni ta' xogħlijiet li mhumiex fil-kummerċ, iffirmat fl-20 ta' Settembru 2011 minn rappreżentanti tal-libreriji, awturi, pubblikaturi u organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tad-drittijiet kollettivi Ewropej u attestat mill-Kummissjoni. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal dak il-Memorandum ta' Qbil, li jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li ftehimiet volontarji konklużi bejn utenti, detenturi tad-drittijiet u organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tad-drittijiet kollettivi dwar liċenzji għall-użu ta' xogħlijiet li mhumiex fil-kummerċ abbażi tal-prinċipji li jinsabu fih igawdu miċ-ċertezza legali meħtieġa fil-kuntest nazzjonali u f'dak transkonfinali.

(5) Id-dritt tal-awtur huwa l-bażi ekonomika għall-industrija kreattiva, peress li jistimula l-innovazzjoni, il-kreazzjoni, l-investiment u l-produzzjoni. Id-diġitizzazzjoni u d-disseminazzjoni ta' xogħlijiet fuq skala kbira huma għal-hekk mezz ta' protezzjoni tal-wirt kulturali Ewropew. Id-dritt tal-awtur huwa għodda importanti biex jiġi żgurat li s-settur kreattiv ikun ippremjat għall-ħidma tiegħu.

(6) Id-drittijiet esklussivi tad-detenturi tad-drittijiet li jirriproduċu ix-xogħoljiet tagħhom u materjal protett ieħor u li jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku, kif armonizzati skont id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni ([3]), jeħtieġu l-kunsens minn qabel tad-detenturi tad-drittijiet għad-diġitizzazzjoni jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

(7) Fil-każ ta' xogħlijiet orfni, m'huwiex possibbli li jinkiseb tali kunsens bil-quddiem biex isiru atti ta' riproduzzjoni jew tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

(8) Approċċi differenti fl-Istati Membri għar-rikonoxximent tal-istatus ta' xogħol bħala xogħol orfni jistgħu joħolqu

([1]) ĠU C 376, 22.12.2011, p. 66.

([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2012.

([3]) ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.

ostakoli għall-funzjonament tas-suq intern u l-użu u l-aċċess transkonfinali fir-rigward ta' xogħlijiet orfni. Dawn l-approċi differenti jistgħu jirriżultaw ukoll f'restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-oġġetti u s-servizzi li jinkorporaw kontenut kulturali. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku ta' tali status, għaliex dan jippermetti aċċess għal xogħlijiet orfni fl-Istati Membri kollha.

(9) B'mod partikolari, huwa meħtieġ approċċ komuni biex jiġu determinati l-istatus ta' xogħol orfni u l-użi permessi ta' xogħlijiet orfni biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fis-suq intern fir-rigward tal-użu ta' xogħlijiet orfni minn librerji, stabbilimenti edukattivi u mużewijiet li huma aċċessibbli għall-pubbliku u kif ukoll minn arkivji, istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku jew awdjo u organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliku.

(10) Xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi u fonogrammi li jinsabu fl-arkivji ta' organizzazzjonijiet ta' xandir pubbliku u dawk prodotti minnhom jinkludu xogħlijiet orfni. B'kont meħud tal-pożizzjoni speċjali li x-xandara għandhom bħala produtturi ta' fonogrammi u materjal awdjoviżiv u l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri biex ikun hemm limitu għall-fenomenu tax-xogħlijiet orfni fil-ġejjieni, huwa xieraq li tiġi ffissata data ta' għeluq għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal xogħlijiet u fonogrammi fl-arkivji ta' organizzazzjonijiet tax-xandir.

(11) Xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi u fonogrammi fl-arkivji ta' organizzazzjonijiet ta' xandir pubbliku u prodotti minnhom għandhom għall-finijiet ta' din id-Direttiva jiġu kkunsidrati li jinkludu xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi u fonogrammi li huma kkummissjonati minn dawn l-organizzazzjonijiet għall-isfruttar esklussiv min-naħa tagħhom jew minn organizzazzjonijiet oħra koproduċenti ta' xandir pubbliku. Xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi u fonogrammi fl-arkivji ta' organizzazzjonijiet ta' xandir pubbliku li ma jkunux ġew prodotti jew ikkummissjonati minn tali organizzazzjonijiet iżda li dawk l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati jużawhom skont ftehim ta' liċenzjar m'għandhomx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(12) Għal raġunijiet ta' rispett reċiproku inter-Statali, din id-Direttiva għandha tapplika biss għal xogħlijiet u fonogrammi li ġew ippubblikati għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru jew, fin-nuqqas tal-pubblikazzjoni, li xxandru għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru jew, fin-nuqqas ta' pubblikazzjoni jew xandir, li saru pubblikament aċċessibbli mill-benefiċjarji ta' din id-Direttiva bil-kunsnes tad-detenturi tad-drittijiet. F'dan l-aħħar każ, din id-Direttiva għandha tapplika biss dment li jkun raġonevoli li wieħed jippreżumi li d-detenturi tad-drittijiet ma jopponux l-użu permess b'din id-Direttiva.

(13) Qabel ma xogħol jew fonogramma jkunu jistgħu jiġi kkunsidrati bħala xogħol orfni, għandha ssir tfittxija diliġenti bona fide għad-detentur tad-drittijiet fix-xogħol jew fonogramma, inklużi detenturi tad-drittijiet f'xogħlijiet u materjal protett ieħor li jkunu mdaħħla jew inkorporati fix-xogħol jew fonogramma. Għandu jkun permess għall-Istati Membri sabiex jipprovdu li tali tiftix diligenti jkun jista' jsir mill-organizzazzjonijiet imsemmija f'din id-Direttiva jew minn organizzazzjonijiet oħrajn. Dawn l-organizzazzjonijiet oħrajn jistgħu jitolbu ħlas għas-servizz ta' tfittxija diliġenti.

(14) Huwa xieraq li jsir provvediment għal approċċ armonizzat dwar tali tfittxija diliġenti biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati fl-Unjoni. Tfittxija diliġenti għandha tinvolvi l-konsultazzjoni ta' sorsi li jipprovdu tagħrif dwar ix-xogħlijiet u materjal protett ieħor kif determinat, b'konformità ma' din id-Direttiva, mill-Istat Membru fejn għandha ssir it-tfittxjia diliġenti. Huma u jagħmlu hekk, l-Istati Membri jistgħu jirriferu għal-linji gwida dwar it-tiftix diliġenti miftiehmin fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-Librerji Diġitali stabbilit bħala parti mill-inizjattiva għal librerija diġitali i2010.

(15) Sabiex ma jkunx hemm duplikazzjoni tal-isforzi ta' tiftix, tfittxija diliġenti għandha ssir biss f'dak l-Istat Membru fejn ix-xogħol jew fonogramma jkunu ġew ippubblikati għall-ewwel darba jew, f'każijiet fejn ma tkun seħħet l-ebda pubblikazzjoni, fejn ikunu xxandru għall-ewwel darba. It-tfittxija diliġenti fir-rigward ta' xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi li l-produttur tagħhom ikollu l-kwartieri ġenerali jew ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru għandha ssir f'dak l-Istat Membru. Fil-każ ta' xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi li huma koprodotti minn produtturi stabbiliti fi Stati Membri differenti, it-tfittxija diliġenti għandha ssir f'kull wieħed minn dawk l-Istati Membri. Fir-rigward ta' xogħlijiet u fonogrammi li la jkunu ġew ippubblikati u lanqas imxandra iżda li saru pubblikament aċċessibbli mill-benefiċjarji ta' din id-Direttiva bil-kunsens tad-detenturi tad-drittijiet, it-tfittxija diliġenti għandha ssir fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni li għamlet dak ix-xogħol jew fonogramma pubblikament aċċessibbli bil-kunsens tad-detenturi tad-drittijiet. It-tiftix diliġenti għad-detenturi tad-drittijiet ta' xogħlijiet u materjal protett ieħor li jkunu mdaħħla jew inkorporati f'xogħol jew fonogramma għandu jsir fl-Istat Membru fejn issir it-tfittxija diliġenti għax-xogħol jew fonogramma li fihom jkun imdaħħal jew inkorporat ix-xogħol jew materjal protett ieħor. Għandhom jiġu kkonsultati wkoll sorsi ta' informazzjoni disponibbli f'pajjiżi oħrajn jekk ikun hemm evidenza li tindika li f'dawk il-pajjiżi l-oħrajn ikun hemm informazzjoni rilevanti dwar detenturi tad-drittijiet. It-twettiq ta' tiftix diliġenti jista' jiġġenera informazzjoni ta' tipi varji, bħal rekord tat-tfittxija u r-riżultat tat-tfittxija. Ir-rekord tat-tfittxija għandu jinżamm fejn ġie ffajljat bil-għan li l-organizzazzjonijiet rilevanti jkunu jistgħu jissostanzjaw li t-tfittxija kienet waħda diliġenti.

(16) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet ikkonċernati jżommu rekords tat-tfittxijiet diliġenti tagħhom u tar-riżultati ta' dawn it-tfittxijiet, li jikkonsistu b'mod partikolari fi kwalunkwe deċiżjoni li xogħol jew fonogramma għandhom jitqiesu bħala xogħol orfni fis-sens ta' din id-Direttiav, kif ukoll informazzjoni dwar il-bidla tal-istatus u dwar l-użu li dawk l-organizzazzjonijiet jagħmlu mix-xogħljiet orfni, jinġabru u jsiru disponibbli għall-pubbliku ġenerali, b'mod partikolari permezz tar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni rilevanti f'bażi ta' data online. Fid-dawl, b'mod partikolari, tad-dimensjoni pan-Ewropea, u biex ma jkunx hemm duplikazzjoni

tal-isforzi, huwa f'loku li jsir provvediment għall-ħolqien ta' bażi ta' data online waħdanija għall-Unjoni li jkun fiha tali informazzjoni u li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod trasparenti. Dan jista' jippermetti li kemm l-organizzazzjonijiet li jagħmlu t-tiftix diliġenti kif ukoll id-detenturi tad-drittijiet ikollhom aċċess faċli għal tali informazzjoni. Il-bażi ta' data jista' jkollha rwol importanti wkoll biex tipprevjeni u ġġib fi tmiemhom vjolazzjonijiet possibbli tad-dritt tal-awtur, partikolarment fil-każ ta' bidla fl-istatus ta' xogħol orfni fir-rigward tax-xogħlijiet u l-fonogrammi. Taħt ir-Regolament (UE) Nru 386/2012 [1], l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (l-"Uffiċċju") huwa fdat b'ċerti kompiti u attivitajiet, iffinanzjati bl-użu tal-mezzi baġitarji proprji tiegħu, bil-għan li jiffaċilita u jappoġġa l-attivitajiet ta' awtoritajiet nazzjonali, tas-settur privat u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-ġlieda kontra, inkluż il-prevenzjoni ta', ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

B'mod partikolari, skont il-punt (g) tal-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament, dawk il-kompiti jinkludu l-forniment ta' mekkaniżmi li jgħinu fit-titjib tal-iskambju elettroniku ta' informazzjoni rilevanti bejn l-awtoritajiet ikkonċernati tal-Istati Membri u t-trawwim tal-kooperazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet. Għaldaqstant huwa xieraq li jingħata f'idejn l-Uffiċċju l-kompitu li jistabbilixxi u jamministra l-bażi ta' data Ewropea li jkun fiha l-informazzjoni relatata max-xogħlijiet orfni msemmijin f'din id-Direttiva.

(17) Jista' jkun hemm diversi detenturi tad-dritt fir-rigward ta' xogħol jew fonogramma partikolari, u xogħlijiet u fonogrammi jistgħu huma stess jinkludu xogħlijiet oħrajn jew materjal protett. Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-drittijiet ta' detenturi tad-drittijiet identifikati u lokalizzati. Jekk tal-anqas detentur tad-drittijiet wieħed ikun ġie identifikat u lokalizzat, ix-xogħol jew fonogramma m'għandhomx jitqiesu bħala xogħol orfni. Il-benefiċjarji ta' din id-Direttiva għandu jkollhom biss il-permess li jużaw xogħol jew fonogramma li fihom detentur jew detenturi tad-drittijiet ma jkunux identifikati jew lokalizzati, jekk ikunu awtorizzati jwettqu l-atti li bihom jirriproduċu u li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku koperti bl-Artikoli 2 u 3 rispettivament tad-Direttiva 2001/29/KE minn dawk id-detenturi tad-drittijiet li jkunu ġew identifikati u lokalizzati, inklużi detenturi tad-drittijiet f'xogħlijiet u materjal protett ieħor li jkunu mdaħħla jew inkorporati fix-xogħlijiet jew fonogrammi. Id-detenturi tad-drittijiet li jkunu ġew identifikati u lokalizzati jistgħu jagħtu din l-awtorizzazzjoni biss f'konnessjoni mad-drittijiet li tagħhom huma stess ikunu detenturi, jew minħabba li dawk id-drittijiet ikunu d-drittijiet proprji tagħhom jew minħabba li dawk id-drittijiet ikunu ġew trasferiti lilhom, u ma għandhomx ikunu jistgħu jawtorizzaw taħt din id-Direttiva kwalunkwe użu f'isem detenturi tad-drittijiet li ma jkunux ġew identifikati jew lokalizzati. B'mod korrispondenti, meta detenturi tad-drittijiet li qabel ma jkunux ġew identifikati jew lokalizzati jippreżentaw ruħhom biex jasserixxu drittijiethom fix-xogħol jew fonogramma, l-użu skont il-liġi tax-xogħol jew fonogramma mill-benefiċjajri jista' jkompli biss jekk dawk id-detenturi tad-drittijiet jagħtu l-awtorizzazzjoni tagħhom għal dan taħt id-Direttiva 2001/29/KE fir-rigward ta' drittijiet li tagħhom huma jkunu d-detenturi.

(18) Id-detenturi tad-drittijiet għandhom ikunu intitolati li jtemmu l-istatus ta' xogħol orfni fil-każ li jippreżentaw ruħhom biex jasserixxu drittijiethom fix-xogħol jew materjal protett ieħor. Id-detenturi li jtemmu l-istatus ta' xogħol orfni ta' xogħol jew materjal protett ieħor għandhom jirċievu kumpens ġust għall-użu li jkun sar mix-xogħlijiet tagħhom jew mill-materjal protett ieħor taħt din id-Direttiva, li għandu jiddeterminah l-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni li tuża x-xogħol orfni. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jiddetereminaw iċ-ċirkostanzi li bihom il-pagament ta' tali kumpens jista' jiġi organizzat, inkluż iż-żmien preċiż meta l-pagament isir dovut. Sabiex jiġi determinat il-livell possibli ta' kumpens ġust, għandhom jitqiesu debitament, inter alia, l-objettivi tal-Istati Membri rigward il-promozzjoni kulturali, in-natura mhux kummerċjali tal-użu minnaħa tal-organizzazzjoniiet inkwistjoni sabiex jilħqu l-għanijiet relatati mal-missjonijiet tagħhom ta' servizz pubbliku, bħall-promozzjoni tat-tagħlim u d-disseminazzjoni tal-kultura, u l-ħsara possibbli lid-detenturi tad-drittijiet.

(19) Jekk, wara tfittxija li ma kenitx diliġenti, tkun saret identifikazzjoni żbaljata ta' xogħol jew fonogramma bħala xogħol orfni, għandhom jibqgħu disponibbli r-rimedji għall-ksur tad-dritt tal-awtur fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri, previsti taħt id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti u l-liġi tal-Unjoni.

(20) Sabiex jiġu promossi t-tagħlim u d-disseminazzjoni tal-kultura, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal eċċezzjoni jew limitazzjoni b'żieda ma' dawk provduti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29/KE. Dik l-eċċezzjoni jew dak il-limitu għandhom jippermettu lil ċerti organizzazzjonijiet, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 5(2)(c) tad-Direttiva 2001/29/KE u istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku jew awdjo li joperaw mingħajr skop ta' profitt, kif ukoll organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliku, li jirriproduċu u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, fis-sens ta' dik id-Direttiva, xogħlijiet orfni, sakemm tali użu jissodisfa l-missjoni ta' interess pubbliku tagħhom, b'mod partikolari l-konservazzjoni, ir-restawr u l-għoti ta' aċċess kulturali u edukattiv għall-kollezzjonijiet tagħhom, inklużi l-kollezzjonijiet diġitali tagħhom. L-istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku jew awdjo għandhom, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, ikopru organizzazzjonijiet nominati mill-Istati Membri biex jiġbru, jikkatalogaw u jirrestawraw films u xogħlijiet awdjoviżivi oħrajn jew fonogrammi li jagħmlu parti mill-wirt kulturali tagħhom. Organizzazzjonijiet ta' xandir pubbliku, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, ikopru xandara b'mandat ta' servizz pubbliku kif konferit, definit u organizzat minn kull Stat Membru.

[1] Regolament (UE) Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2012 li permezz tiegħu l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) jiġi fdat b'ċerti kompiti relatati mal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż it-tlaqqigħ ta' rappreżentanti mis-settur pubbliku u privat bħala Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (ĠU L 129, 16.5.2012, p. 1).

L-eċċezzjoni jew limitazzjoni stabbilita b'din id-Direttiva biex tippermetti l-użu ta' xogħlijiet orfni hija mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet provduti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29/KE. Hija tista' tiġi applikata biss f'ċerti każijiet speċjali li ma jkunux konfliġġenti mal-isfruttar normali tax-xogħol jew tal-materjal protett ieħor u li ma jippreġudikawx l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet b'mod li ma jkunx raġonevoli.

(21) Bħala inċentiv għad-diġitizzazzjoni, il-benefiċjarji ta' din id-Direttiva għandhom ikunu jistgħu jkollhom introjtu relattivament għall-użu li jagħmlu ta' xogħlijiet orfni taħt din id-Direttiva sabiex jilħqu għanijiet relatati mal-missjonijiet tagħhom ta' interess pubbliku, inkluż dawk fil-kuntest ta' ftehimiet ta' sħubija bejn is-settur pubbliku u l-privat.

(22) L-arranġamenti kuntrattwali jista' jkollhom rwol fit-tkattir tad-diġitizzazzjoni tal-wirt storiku Ewropew fis-sens li libreriji, istituzzjonijiet edukattivi u mużewijiet li huma aċċessibbli għall-pubbliku u kif ukoll arkivji, istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku jew awdjo u organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliku, għandhom jitħallew, bil-ħsieb li jagħmlu l-użi permessi taħt din id-Direttiva, jikkonkludu ftehimiet ma' sħab kummerċjali għad-diġitizzazzjoni tax-xogħlijiet orfni u biex jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku. Dawn l-arranġamenti jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawn is-sħab. Dawn il-ftehimiet m'għandhom jimponu l-ebda restrizzjoni fuq il-benefiċjarji ta' din id-Direttiva rigward l-użu ta' xogħlijiet orfni min-naħa tagħhom u m'għandhom jagħtu lis-sieħeb kummerjali l-ebda dritt li juża, jew jikkontrolla l-użu ta', ix-xogħlijiet orfni.

(23) Sabiex jitrawwem l-aċċess taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-wirt kulturali tal-Ewropa, huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li xogħlijiet orfni li jkunu ġew diġitizzati u jkunu saru disponibbli għall-pubbliku f'xi Stat Membru jistgħu jsiru disponibbli għall-pubbliku wkoll fi Stati Membri oħrajn. Libreriji, istituzzjonijiet edukattivi u mużewijiet li huma aċċessibbli għall-pubbliku u kif ukoll arkivji, istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku jew awdjo u organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliku li jużaw xogħlijiet orfni biex jissodisfaw missjonijiet ta' interess pubbliku għandhom ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħlijiet disponibbli għall-pubbliku fi Stati Membri oħrajn.

(24) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti eżistenti fl-Istati Membri fir-rigward tal-ġestjoni ta' drittijiet bħal liċenzji kollettivi estiżi, preżunzjonijiet legali ta' rappreżentanza jew trasferiment, ġestjoni kollettiva jew arranġamenti simili jew kombinazzjoni tagħhom, inklużi dawk għad-diġitizzazzjoni tal-massa.

(25) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-użu ta' xogħlijiet orfni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista', għalhekk, minħabba l-ħtieġa ta' uniformità tar-regoli li jiggvernaw l-użu ta' xogħlijiet orfni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett u ambitu**

1. Din id-Direttiva tikkonċerna ċerti użi li jsiru minn xogħlijiet orfni minn libreriji, stabbilimenti edukattivi u mużewijiet li huma aċċessibbli għall-pubbliku, u kif ukoll minn arkivji, istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku jew awdjo u organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliku, stabbiliti fl-Istati Membri, biex jintlaħqu għanijiet relatati mal-missjonijiet tagħhom ta' interess pubbliku.

2. Din id-Diretiva għandha tapplika għal:

(a) xogħlijiet ippubblikati f'forma ta' kotba, ġurnali, gazzetti, rivisti jew kitbiet oħra li jinsabu f'kollezzjonijiet ta' libreriji, stabbilimenti edukattivi jew mużewijiet li huma aċċessibbli għall-pubbliku kif ukoll fil-kollezzjonijiet ta' arkivji jew ta' istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku jew awdjo oħra;

(b) xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi u fonogrammi li jinsabu f'kollezzjonijiet ta' libreriji, stabbilimenti edukattivi jew mużewijiet li huma aċċessibbli għall-pubbliku kif ukoll fil-kollezzjonijiet ta' arkivji jew ta' istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku jew awdjo; u

(c) xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi u fonogrammi prodotti minn organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliku sa u inkluż il-31 ta' Diċembru 2002 u miżmuma fl-arkivji tagħhom;

li huma protetti bid-dritt tal-awtur jew bi drittijiet relatati u li jkunu ġew ippubblikati għall-ewwel darba fi Stat Membru jew, fin-nuqqas ta' pubblikazzjoni, ixxandru għall-ewwel darba fi Stat Membru.

3. Din id-Direttiva tapplika wkoll għal xogħlijiet u fonogrammi msemmija fil-paragrafu 2 li qatt ma jkunu ġew ippubblikati jew imxandra iżda li jkunu saru pubblikament aċċessibbli mill-organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 bil-kunsens tad-detenturi tad-drittijiet, dment li jkun raġonevoli li wieħed jippreżumi li d-detenturi tad-drittijiet ma jopponux l-użi msemmija fl-Artikolu 6. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu għal xogħlijiet u fonogrammi li jkunu ġew depożitati ma' dawn l-organizzazzjonijiet qabel id-29 ta' Ottubru 2014.

4. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal xogħlijiet u materjal protett ieħor li jkunu mdaħħla jew inkorporati jew li jikkostitwixxu parti integrali fix-xogħlijiet jew fil-fonogrammi msemmija fil-paragrafi 2 u 3.

5. Din id-Direttiva ma tinċidi fuq ebda arranġament fir-rigward tal-ġestjoni tad-drittijiet fil-livell nazzjonali.

*Artikolu 2*

**Xogħlijiet orfni**

1. Xogħol jew fonogramma għandhom jitqiesu bħala xogħol orfni jekk ħadd mid-detenturi tad-drittijiet fuq dak ix-xogħol jew fonogramma ma jkunu identifikat jew, anki jekk wieħed jew iżjed minnhom ikunu identifikati, ħadd minnhom ma jiġi lokalizzat minkejja li tkun saret u ġiet reġistrata tfittxija diliġenti għad-detenturi tad-drittijiet skont l-Artikolu 3.

2. Meta jkun hemm aktar minn detentur wieħed tad-drittijiet f'xogħol jew fonogramma, u mhux kollha jkunu ġew identifikati jew, anki jekk ikunu ġew identifikati, mhux kollha jkunu ġew lokalizzati wara li tkun saret tfittxija diliġenti skont l-Artikolu 3, ix-xogħol jew fonogramma ikun jistgħu jintużaw b'konformità ma' din id-Direttiva dment li d-detenturi tad-drittijiet li jkunu ġew identifikati u lokalizzati jkunu, relattivament għad-drittijiet li tagħhom huma detenturi, awtorizzaw lill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) biex jagħmlu l-atti ta' riproduzzjoni u tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku koperti rispettivament bl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2001/29/KE.

3. Il-paragrafu 2 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet fix-xogħol jew fonogramma ta' detenturi tad-drittijiet li jkunu ġew identifikati u lokalizzati.

4. L-Artikolu 5 għandu japplika *mutatis mutandis* għad-detenturi tad-drittijiet fix-xogħlijiet imsemmija fil-paragrafu 2 li ma jkunux ġew identifikati u lokalizzati.

5. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar xogħlijiet anonimi jew bi psewdonimu.

*Artikolu 3*

**Tiftix diliġenti**

1. Sabiex jiġi determinat jekk xi xogħol jew fonogramma humiex xogħol orfni, l-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jiżguraw li jitwettaq tiftix diliġenti bona fide fir-rigward ta' kull xogħol individwali jew kwalunkwe materjal protett ieħor, billi jikkonsultaw is-sorsi rilevanti għall-kategorija tax-xogħol u materjal protett ieħor inkwistjoni. It-tfittxija diliġenti għandha ssir qabel l-użu tax-xogħol jew fonogramma.

2. Is-sorsi li huma rilevanti għal kull kategorja ta' xogħol jew fonogramma inkwistjoni għandhom jiġu determinati minn kull Stat Membru, b'konsultazzjoni mad-detenturi tad-dritt u l-utenti, u għandhom tal-anqas jinkludu s-sorsi rilevanti elenkati fl-Anness.

3. It-tfittxija diliġenti għandha ssir fl-Istat Membru fejn ix-xogħol ġie ppubblikat għall-ewwel darba jew, fin-nuqqas ta' pubblikazzjoni, ixxandar għall-ewwel darba, ħlief fil-każ ta' xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi li l-produttur tagħhom ikollu l-kwartieri ġenerali jew ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru, f'liema każ it-tfittxija diliġenti għandha ssir fl-Istat Membru fejn ikollu l-kwartieri ġenerali jew ir-residenza abitwali tiegħu.

Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 1(3) it-tfittxija diliġenti għandha ssir fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni li tkun għamlet ix-xogħol jew fonogramma pubblikament aċċessibbli bil-kunsens tad-detentur tad-drittijiet.

4. Jekk ikun hemm evidenza li tindika li f'pajjiżi oħrajn hemm informazzjoni rilevanti dwar id-detenturi tad-drittijiet, is-sorsi ta' informazzjoni disponibbli f'dawk il-pajjiżi l-oħrajn għandhom jiġu kkonsultati wkoll.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) iżommu rekords tat-tfittxijiet diliġenti tagħhom u li dawn l-organizzazzjonijiet jagħtu l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti:

(a) ir-riżultati tat-tfittxijiet diliġenti li dawn l-organizzazzjonijiet ikunu għamlu u li jkunu wasslu għall-konklużjoni li xogħol jew fonogramma jitqiesu bħala xogħol orfni;

(b) l-użu li l-organizzazzjonijiet jagħmlu mix-xogħlijiet orfni b'konformità ma' din id-Direttiva;

(c) kwalunkwe bidla, skont l-Artikolu 5, fl-istatus bħala xogħol orfni ta' xogħlijiet u fonogrammi li l-organizzazzjonijiet jużaw;

(d) l-informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' kuntatt tal-organizzazzjoni kkonċernata.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 tkun irreġistrata f'bażi ta' data online waħdanija li tkun pubblikament aċċessibbli, stabbilita u amministrata mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (l-"Uffiċċju") b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 386/2012. Għal dak il-għan, għandhom jgħaddu dik l-informazzjoni lill-Uffiċċju mingħajr dewmien malli jirċevuha mill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1).

*Artikolu 4*

**Rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' xogħol orfni**

Xogħol jew fonogramma li jkunu meqjusin bħala xogħol orfni skont l-Artikolu 2 fi Stat Membru għandhom jitqiesu bħala xogħol orfni fl-Istati Membri kollha. Dak ix-xogħol jew dik il-fonogramma jistgħu jintużaw u jsir aċċess għalihom b'konformità ma' din id-Direttiva fl-Istati Membri kollha. Dan japplika wkoll għal xogħlijiet u fonogrammi msemmija fl-Artikolu 2(2) sa fejn huma kkonċernati d-drittijiet ta' detenturi tad-drittijiet mhux identifikati u mhux lokalizzati.

*Artikolu 5*

**Tmiem tal-istatus ta' xogħol orfni**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li detentur tad-drittijiet f'xogħol jew f'fonogramma li jkunu meqjusin bħala xogħol orfni, jkollu, f'kull waqt, il-possibbiltà li jtemm l-istatus ta' xogħol orfni sa fejn huma kkonċernati d-drittijiet tiegħu.

*Artikolu 6*

**L-użu permess ta' xogħlijiet orfni**

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni u d-dritt ta' tqegħid għad-dipożizzjoni tal-pubbliku previsti rispettivament fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2001/29/KE sabiex jiżguraw li jkun permess għall-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) li jużaw xogħlijiet orfni li jkunu fil-kollezzjonijiet tagħhom bil-modi li ġejjin:

(a) billi jagħmlu x-xogħol orfni disponibbli għall-pubbliku, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29/KE;

(b) permezz ta' atti ta' riproduzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29/KE, għall-finijiet ta' diġitizzazzjoni, tqegħid għad-dispożizzjoni, indiċjar, katalogar, konservazzjoni jew restawr.

2. L-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jagħmlu użu minn xogħol orfni b'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biss sabiex jilħqu għanijiet relatati mal-missjonijiet tagħhom ta' interess pubbliku, b'mod partikolari l-konservazzjoni, r-restawr ta', u l-għoti ta' aċċess kulturali u edukattiv għal, xogħlijiet u fonogrammi miżmuma fil-kollezzjoni tagħhom. L-organizzazzjonijiet jistgħu jkollhom introjtu waqt dawn l-użi, għall-fini esklussiva li jkopru l-ispejjeż tagħhom sabiex jiddiġitizzaw xogħlijiet orfni u jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) jindikaw l-ismijiet tal-awturi identifikati u ta' detenturi oħra tad-drittijiet fi kwalunkwe użu ta' xogħol orfni.

4. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-libertà kuntrattwali ta' dawn l-organizzazzjonijiet waqt li jwettqu l-missjonijiet ta' interess pubbliku tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-ftehimiet ta' sħubija bejn is-settur pubbliku u l-privat.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu provvediment sabiex ikun dovut kumpens ġust lid-detenturi tad-drittijiet li jġibu fi tmiemu l-istatus ta' xogħol orfni tax-xogħlijiet jew materjal protett ieħor tagħhom għall-użu li jkun sar mill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) minn dawn ix-xogħlijiet u materjal protett ieħor b'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi jiddeterminaw iċ-ċirkostanzi li taħthom jista' jiġi organizzat il-pagament ta' tali kumpens. Il-livell tal-kumpens għandu jkun, fil-limiti imposti mil-liġi tal-Unjoni, determinat mil-liġi tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-organizzazzjoni li tuża x-xogħol orfni inkwistjoni.

*Artikolu 7*

**Applikazzjoni kontinwa ta' disposizzjonijiet legali oħrajn**

Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw, b'mod partikolari, id-drittijiet tal-privattivi, trademarks, drittijiet tad-disinn, mudelli ta' utilità, it-topografiji ta' prodotti semikundutturi, type faces, aċċess kondizzjonali, aċċess għal servizzi ta' xandir għall-cable, il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali, rekwiżiti fuq depożitu legali, liġijiet dwar prattiċi restrittivi u kompetizzjoni żleali, sigrieti kummerċjali, sigurtà, kunfidenzjalità, protezzjoni tad-data u privatezza, aċċess għal dokumenti pubbliċi, il-liġi dwar il-kuntratti, u regoli dwar il-libertà tal-istampa u l-libertà ta' espressjoni fil-media.

*Artikolu 8*

**Applikazzjoni kronoloġika**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika fir-rigward tax-xogħlijiet u fonogrammi kollha msemmija fl-Artikolu 1 li huma protetti mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, fi jew wara d-29 ta' Ottubru 2014.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att konkluż u kwanlunkwe dritt miksub qabel id-29 ta' Ottubru 2014.

*Artikolu 9*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sad-29 ta' Ottubru 2014. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 10*

**Klawsola ta' reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tirrivedi kostantement l-iżvilupp tas-sorsi ta' informazzjoni dwar id-drittijiet, u għandha sad-29 ta' Ottubru 2015, u sussegwentement f'intervalli ta' kull sena, tippreżenta rapport dwar il-possibbiltà ta' inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ta' pubblikaturi u ta' xogħlijiet jew materjal protett ieħor li attwalment ma jkunux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, u b'mod partikolari ritratti waħedhom u immaġni oħrajn.

Sad-29 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fid-dawl tal-iżvilupp tal-libreriji diġitali.

Meta jkun meħtieġ, b'mod partikolari sabiex tiżgura l-funzjonament tas-suq intern, il-Kummisjoni għandha tressaq proposti għall-emendament ta' din id-Direttiva.

Stat Membru li jkollu raġunijiet validi sabiex jikkunsidra li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva timpedixxi xi wieħed mill-arranġamenti nazzjonali dwar il-ġestjoni tad-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 1(5) jista' jressaq il-kwistjoni għall-attenzjoni tal-Kummissjoni flimkien mal-evidenza rilevanti kollha. Il-Kummissjoni għandha tqis tali evidenza hija u tfassal ir-rapport imsemmi fit-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu u hija u tivvaluta jekk huwiex meħtieġ li tippreżenta proposti għall-emendament ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 11*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 12*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-25 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. D. MAVROYIANNIS

*ANNESS*

Is-sorsi msemmijia fl-Artikolu 3(2) jinkludu dawn li ġejjin:

(1) għal kotba ppublikati:

(a) depożitu legali, katalogi tal-libreriji u fajls ta' awtoritajiet miżmuma minn libreriji u istituzzjonijiet oħra;

(b) l-assoċjazzjonijiet tal-pubblikaturi u tal-awturi fil-pajjiż rispettiv;

(c) bażijiet ta' data u reġistri eżistenti, WATCH (Writers, Artists and their Copyright Holders), l-ISBN (International Standard Book Number) u bazijiet ta' data ta' kotba disponibbli fl-istampa;

(d) il-bażijiet ta' data tas-soċjetajiet ta' ġbir rilevanti, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tar-riproduzzjoni;

(e) sorsi li jintegraw diversi bażijiet ta' data u reġsitri, inklużi VIAF (Virtual International Authority Files) u ARROW (Accessible Registries of Rights Information and Orphan Works);

(2) għal gazzetti, rivisti, ġurnali u perjodiċi:

(a) l-ISSN (International Standard Serial Number) għal pubblikazzjonijiet perjodiċi;

(b) indiċijiet u katalogi minn libreriji u kollezzjonijiet;

(c) depożitu legali;

(d) l-assoċjazzjonijiet tal-pubblikaturi u l-assoċjazzjonijiet ta' awturi u ġurnalisti fil-pajjiż rispettiv;

(e) il-bażijiet ta' data tas-soċjetajiet ta' ġbir rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tar-riproduzzjoni;

(3) għal xogħlijiet viżivi, inklużi l-arti, il-fotografija, l-illustrazzjonijiet, id-disinn, l-arkitettura, l-abbozzi ta' dawn ix-xogħlijiet tal-aħħar u xogħolijiet oħrajn tali li jinsabu f'kotba, ġurnali, gazzetti u rivisti jew xogħlijiet oħra:

(a) is-sorsi msemmija fil-punti (1) u (2);

(b) il-bażijiet ta' data tas-soċjetajiet ta' ġbir rilevanti, b'mod partikolari għall-arti viżiva u inklużi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tar-riproduzzjoni;

(c) il-bażijiet ta' data tal-aġenziji tar-ritratti, meta jkun applikabbli;

(4) għal xogħlijiet awdjoviżivi u fonogrammi:

(a) depożitu legali;

(b) l-assoċjazzjonijiet tal-produttiuri fil-pajjiż rispettiv;

(c) bażijiet ta' data ta' istituzzjonijiet tal-wirt ċinematrografiku jew awdjo u libreriji nazzjonali;

(d) bażijiet ta' data bi standards u identifikaturi rilevanti bħall-ISAN (International Standard Audiovisual Number) għal materjal awdjoviżiv, ISWC (International Standard Music Work Code) għal xogħlijiet mużikali u ISRC (International Standard Recording Code) għal fonogrammi;

(e) il-bażijiet ta' data tas-soċjetajiet ta' ġbir rilevanti, b'mod partikolari għall-awturi, artisti, produtturi tal-fonogrammi u produtturi awdjoviżivi;

(f) listi ta' parteċipanti u informazzjoni oħra li jidhru fuq l-imballaġġ tax-xogħol;

(g) il-bażijiet ta' data ta' assoċjazzjonijiet rilevanti oħrajn li jirrappreżentaw kategorija speċifika ta' detenturi tad-drittijiet.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI Nru 994/2012/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-25 ta' Ottubru 2012**

**li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew talab lill-Istati Membri biex mill-1 ta' Jannar 2012 jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-ftehimiet bilaterali ġodda u eżistenti kollha tagħhom ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri l-oħrajn kollha f'forma adatta, wara li tikkunsidra l-ħtieġa għall-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

(2) L-Artikolu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri adatti kollha sabiex jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li joħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jevitaw jew jeliminaw kwalunkwe inkompatibbiltà bejn il-liġi tal-Unjoni u l-ftehimiet internazzjonali konklużi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

(3) Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-enerġija jeħtieġ li l-enerġija importata fl-Unjoni tkun irregolata għalkollox mir-regoli li jistabbilixxu suq intern tal-enerġija. Suq intern tal-enerġija li ma jiffunzjonax tajjeb iqiegħed lill-Unjoni f'pożizzjoni vulnerabbli u żvantaġġata fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, u jimmina l-benefiċċji potenzjali tiegħu għall-konsumaturi u l-industrija Ewropej. Livell għoli ta' trasparenza fir-rigward tal-ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija jippermetti lill-Unjoni tieħu azzjoni kkoordinata, fl-ispirtu ta' solidarjetà, sabiex tiżgura li ftehimiet bħal dawn jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni u effettivament tiżgura l-provvista tal-enerġija. Tali trasparenza tkun ta' benefiċċju wkoll sabiex tinkiseb kemm kooperazzjoni interna aktar mill-qrib fl-Unjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni dwar l-enerġija kif ukoll l-objettivi ta' politika fit-tul tal-Unjoni dwar l-enerġija, il-klima u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

(4) Mekkaniżmu ġdid ta' skambju ta' informazzjoni għandu għalhekk jiġi stabbilit. Huwa għandu biss ftehimiet intergovernattivi li għandhom impatt fuq is-suq intern tal-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni peress li ż-żewġ kwistjonijiet huma marbuta flimkien. Il-valutazzjoni tal-bidu dwar jekk ftehim intergovernattiv, jew test ieħor li jirreferi għalih espliċitament ftehim intergovernattiv, għandux impatt fuq is-suq intern tal-enerġija jew is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Istati Membri; f' każ ta' dubju, Stati Membri għandhom jikkonsultaw lill-Kummissjoni. Fil-prinċipju, ftehimiet li ma għadhomx fis-seħħ jew ma għadhomx jiġu applikati ma jkollhomx impatt fuq is-suq intern tal-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni u għalhekk m'għandhomx ikunu koperti minn dan il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni. Il-mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni għandu jinkludi b'mod partikolari kull ftehim intergovernattiv li għandu impatt fuq il-provvista ta' gass, żejt jew elettriku permezz ta' infrastruttura fissa jew li għandu impatt fuq l-ammont ta' enerġija importata fl-Unjoni.

(5) Ftehimiet intergovernattivi li għandhom jiġu nnotifikati fl-intier tagħhom lill-Kummissjoni abbażi ta' atti oħra tal-Unjoni għandhom ikunu esklużi mill-mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni. Madankollu, dik l-eżenzjoni ma għandhiex tapplika għall-ftehimiet intergovernattivi ma' pajjiżi terzi li jkollhom impatt fuq l-iżvilupp u l-użu tal-infrastruttura tal-gass u tal-provvisti tal-gass u li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont l-il-punt (a) tal-Artikolu 13(6) tar-Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass ([3]). Tali ftehimiet għandhom jiġu

([1]) ĠU C 68, 6.3.2012, p. 65.

([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2012.

([3]) ĠU L 295, 12.11.2010, p. 1.

nnotifikati skont ir-regoli stipulati f'din id-Deċiżjoni. Biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, notifika ppreżentata f'konformità ma' din id-Deċiżjoni għandha titqies li tissodisfa l-obbligu stipulat fil-punt (a) tal-Artikolu 13(6) tar-Regolament (UE) Nru 994/2010.

(6) Ftehimiet intergovernattivi li jikkonċernaw kwistjonijiet fl-ambitu tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ma għandhomx ikunu koperti minn din id-Deċiżjoni.

(7) Din id-Deċiżjoni ma toħloqx obbligi fir-rigward ta' ftehimiet bejn entitajiet kummerċjali . Madankollu, hija ma tipprojbixxix lill-Istati Membri milli jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fuq bażi volontarja, ftehimiet kummerċjali li jissemmew espliċitament fil-ftehimiet intergvernattivi. Barra minn hekk, minħabba li huwa possibbli li l-ftehimiet kummerċjali jinkludu dispożizzjonijiet regolatorji, l-operaturi kummerċjali li jinnegozjaw ftehimiet kummerċjali ma' operaturi minn pajjiżi terzi għandu jkollhom il-possibbiltà li jfittxu gwida mill-Kummissjoni sabiex jevitaw li jinħolqu konflitti potenzjali mal-liġi tal-Unjoni.

(8) L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni kull ftehim intergovernattiv eżistenti, kemm jekk daħal fis-seħħ jew qed jiġi applikat proviżorjament skont it-tifsira tal-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati, u kull ftehim intergovernattiv ġdid.

(9) Trasparenza akbar fir-rigward ta' ftehimiet intergovernattivi futuri li ser jiġu nnegozjati jew li qed jiġu nnegozjati bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija tista' tikkontribwixxi għall-konsistenza fl-approċċi tal-Istati Membri għal tali ftehimiet, kif ukoll għall-konformità mal-liġi tal-Unjoni, u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar negozjati fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi ġodda jew l-emendi fil-ftehimiet intergovernattivi eżistenti. Fejn l-Istati Membri jagħmlu dik l-għażla, il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata regolarment dwar il-progess tan-negozjati. L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jistiednu lill-Kummissjoni tipparteċipa fin-negozjati bħala osservatur.

Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll il-possibbiltà li tipparteċipa bħala osservatur fuq talba tagħha, soġġett għall-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà wkoll jitolbu lill-Kummissjoni biex tgħinhom matul in-negozjati tagħhom ma' pajjiżi terzi. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà li tipprovdi pariri dwar kif tiġi evitata inkompatibbilta' mal-liġi tal-Unjoni, u li tiġbed l-attenzjoni għall-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-prinċipju ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri.

(10) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kompatibbiltà tal-ftehimiet intergovernattivi eżistenti mal-liġi tal-Unjoni. F'każ ta' inkompatibbiltà, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex isibu soluzzjoni adegwata biex jeliminaw l-inkompatibbiltà identifikata.

(11) Sabiex tiġi żgurata trasparenza akbar u biex jiġu evitati kunflitti possibbli mal-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ftehim intergovernattiv ġdid ma' pajjiż terz qabel jew matul in-negozjati dwaru. Meta Stat Membru, li jkun innegozja ftehim intergovernattiv, ikun informa b'dan lill-Kummissjoni qabel l-għeluq tan-negozjati u jkun ippreżentalha l-abbozz ta' ftehim intergovernattiv, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà li tinforma lil dak l-Istat Membru bl-opinjoni tagħha dwar il-kompatibbiltà tal-ftehim negozjat mal-liġi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha d-dritt tibda proċedimenti ta' ksur f'konformità mal-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) meta tqis li Stat Membru ma jkunx osserva l-obbligi tiegħu skont it-TFUE.

(12) Il-ftehimiet intergovernattivi ratifikati, finali kollha koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sabiex l-Istati Membri l-oħrajn kollha jistgħu jkunu infurmati.

(13) Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni kollha li tirċievi disponibbli għall-Istati Membri l-oħrajn kollha f'forma elettronika sigura. Il-Kummissjoni għandha tirrispetta t-talbiet mill-Istati Membri sabiex tittratta l-informazzjoni ppreżentata lilha bħala kunfidenzjali. Madankollu, it-talbiet għall-kunfidenzjalità ma għandhomx jirrestrinġu l-aċċess tal-Kummissjoni nnifisha għal informazzjoni kunfidenzjali, minħabba li jeħtieġ li l-Kummissjoni jkollha informazzjoni komprensiva għall-valutazzjonijiet tagħha. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli biex tiggarantixxi l-applikazzjoni tal-klawżola ta' kunfidenzjalità. It-talbiet għall-kunfidenzjalità għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-aċċess għad-dokumenti kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([1]).

(14) Jekk Stat Membru jqis li ftehim intergovernattiv huwa kunfidenzjali, huwa għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'sommarju tiegħu għall-finijiet tal-kondiviżjoni ta' dak is-sommarju mal-Istati Membri l-oħrajn.

(15) Skambju permanenti ta' informazzjoni dwar il-ftehimiet intergovernattivi fil-livell tal-Unjoni għandu jippermetti l-iżvilupp tal-aħjar prattiki. Abbażi ta' dawk l-aħjar prattiki, il-Kummissjoni, fejn ikun adatt f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) fir-rigward tal-politiki esterni tal-Unjoni, għandha tiżviluppa klawżoli fakultattivi bħala mudell sabiex jintużaw fil-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. L-użu ta' tali klawżoli mudell għandu jkollu l-għan li jevita konflitti ta' ftehimiet intergovernattivi mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-liġi tal-kompetizzjoni u r-regoli tas-suq intern tal-enerġija, u konflitti ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni. L-użu tagħhom għandu jkun fakultattiv, u għandu jkun possibbli li jiġi adattat il-kontenut tagħhom għal kwalunkwe ċirkostanza partikolari.

([1]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

(16) Peress li jeżisti s-suq intern tal-enerġija u minħabba l-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont dovut ta' dawk l-objettivi meta jinnegozjaw ftehimiet intergovernattivi fil-qasam tal-enerġija li għandhom impatt fuq il-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija.

(17) L-għarfien reċiproku mtejjeb tal-ftehimiet intergovernattivi eżistenti u ġodda għandu jagħti lok għal koordinazzjoni aħjar fi kwistjonijiet tal-enerġija bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Tali koordinazzjoni mtejba għandha tippermetti lill-Istati Membri jibbenifikaw b'mod sħiħ mill-piż politiku u ekonomiku tal-Unjoni u tippermetti lill-Kummissjoni tipproponi soluzzjonijiet għall-problemi identifikati fil-qasam tal-ftehimiet intergovernattivi.

(18) Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita u tħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri bil-ħsieb li ttejjeb ir-rwol strateġiku ġenerali tal-Unjoni permezz ta' approċċ koordinat b'saħħtu u effettiv fil-konfront ta' pajjiżi produtturi, ta' transitu u konsumaturi.

(19) Il-mekkaniżmu ta' skambju tal-informazzjoni, inklużi valutazzjonijiet li għandhom isiru mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħha, huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-ksur tar-regoli, l-għajnuna mill-istat u l-kompetizzjoni.

(20) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk din id-Deċiżjoni hijiex suffiċjenti u effettiva biex tiżgura l-konformità tal-ftehimiet intergovernattivi mal-liġi tal-Unjoni u livell għoli ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi fil-qasam tal-enerġija.

(21) Peress li l-għan ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fir-rigward ta' ftehimiet intergovernattivi fil-qasam tal-enerġija, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' jinkiseb aħjar, minħabba l-effetti ta' din id-Deċiżjoni, fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dak l-objettiv,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fir-rigward ta' ftehimiet intergovernattivi fil-qasam tal-enerġija kif definiti fl-Artikolu 2, sabiex jinkiseb il-funzjonament ottimali tas-suq intern ta' l-enerġija.

2. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal ftehimiet intergovernattivi li, fl-intier tagħhom, huma diġà soġġetti għal proċeduri speċifiċi oħrajn ta' notifika skont il-liġi tal-Unjoni.

Minkejja l-ewwel subpargrafu, din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal ftehimiet intergovernattivi li għandhom ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 13(6) tar-Regolament (UE) Nru 994/2010.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ftehim intergovernattiv" tfisser kull ftehim legalment vinkolanti bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar li jkollu impatt fuq l-operat jew il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni; madankollu, fejn tali ftehim vinkolnati jkopri wkoll kwistjonijiet oħrajn, dawk id-dispożizzjonijiet biss li jirrigwardaw l-enerġija, inklużi d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għal dawk id-dispożizzjonijiet relatati mal-enerġija, għandhom jikkostitwixxu "ftehim intergovernattiv";

(2) "ftehim intergovernattiv eżistenti" tfisser ftehim intergovernattiv li jkun daħal fis-seħħ jew qed jiġi applikat proviżorjament qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

**Skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni**

1. Sas 17 ta' Frar 2013 l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-ftehimiet intergovernattivi kollha eżistenti, inklużi l-annessi u l-emendi kollha għal dawk il-ftehimiet. Fejn dawk il-ftehimiet intergovernattivi eżistenti jirreferu espliċitament għal testi oħra, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw ukoll dawk it-testi l-oħra lill-Kummissjoni, safejn ikun fihom elementi li jħallu impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni. Madankollu, dak l-obbligu ma għandhux japplika fir-rigward ta' ftehimiet bejn entitajiet kummerċjali.

Il-ftehimiet intergovernattivi eżistenti li diġà kienu kkomunikati lill-Kummissjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 13(6) tar-Regolament (UE) Nru 994/2010 fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jitqiesu bħala li ġew ippreżentati għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, sakemm dik il-komunikazzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu. Sas 17 ta' Frar 2013 l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni jekk hemmx xi parti minn tali ftehimiet intergovernattivi li għandha titqies bħala kunfidenzjali u jekk l-informazzjoni pprovduta tistax tkun kondiviża mal-Istati Membri l-oħra

Fejn, skont dan il-paragrafu, Stat Membru jippreżenta ftehimiet intergovernattivi eżistenti li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 13(6) tar-Regolament (UE) Nru 994/2010 lill-Kummissjoni, huwa għandu jitqies li jkun issodisfa l-obbligu ta' komunikazzjoni stabbilit f'dak il-paragrafu.

2. Fejn, wara l-ewwel valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni jkollha dubji dwar il-kompatibbiltà mal-liġi tal-Unjoni ta' ftehimiet ippreżentati lilha taħt il-paragrafu 1, b'mod partikolari mal-liġi tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni u mal-leġislazzjoni dwar is-suq intern tal-enerġija, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati għaldaqstant fi żmien disa' xhur wara li jkunu ġew ippreżentati dawk il-ftehimiet.

3. Qabel jew waqt negozjati ma' pajjiż terz dwar ftehim intergovernattiv jew dwar l-emenda ta' ftehim intergovernattiv eżistenti, Stat Membru jista' jinforma lill-Kummissjoni bil-miktub bl-objettivi tan-negozjati, u bid-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu trattati fin-negozjati u jista' jikkomunika kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra lill-Kummissjoni. Fejn l-Istat Membru jagħti tali notofika dwar negozjati lill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jżomm lill-Kummissjoni infurmata regolarment dwar il-progress tan-negozjati.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jindika lill-Kummissjoni jekk l-informazzjoni ppreżentata skont l-ewwel subparagrafu tistax tkun kondiviża mal-Istati Membri l-oħrajn kollha. Fejn l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika li l-informazzjoni tista' tkun kondiviża, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni riċevuta aċċessibbli għall-Istati Membri kollha f'forma elettronika sigura, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe parti kunfidenzjali identifikata skont l-Artikolu 4.

4. Fejn Stat Membru jagħti notifika dwar negozjati lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' tipprovdilu pariri dwar kif jevita l-inkompatibbiltà tal-ftehim intergovernattiv jew tal-emenda għal ftehim intergovernattiv eżistenti li qed jiġi nnegozjat mal-liġi tal-Unjoni.

5. Mar-ratifika ta' ftehim intergovernattiv jew ta' emenda għal ftehim intergovernattiv, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta l-ftehim intergovernattiv jew l-emenda, inkluż kwalunkwe anness għall-ftehim jew l-emenda, lill-Kummissjoni.

Fejn il-ftehim intergovernattiv jew l-emenda għall-ftehim intergovernattiv jirreferu espliċitament għal testi oħra, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw ukoll dawk it-testi l-oħra kull fejn dawn fihom elementi li jħallu impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni. Madankollu, dak l-obbligu ma japplikax fir-rigward ta' ftehimiet bejn entitajiet kummerċjali.

6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tagħmel aċċessibbli lill-Istati Membri l-oħrajn kollha d-dokumenti li tkun irċeviet skont il-paragrafi 1 u 5 f'forma elettronika sigura.

7. Fejn Stat Membru jagħti struzzjoni lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 4, biex ma tagħmilx aċċessibbli lill-Istati Membri l-oħra ftehim intergovernattiv eżistenti, emenda għal ftehim intergovernattiv eżistenti jew ftehim intergovernattiv ġdid, huwa għandu jagħmel disponibbli sommarju tal-informazzjoni ppreżentata. Dak is-sommarju għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja dwar il-ftehim jew l-emenda inkwistjoni:

(a) is-suġġett;

(b) l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni;

(c) it-tul ta' żmien;

(d) il-partijiet kontraenti;

(e) informazzjoni dwar l-elementi prinċipali.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel is-sommarji aċċessibbli f'forma elettronika għall-Istati Membri l-oħrajn kollha.

*Artikolu 4*

**Kunfidenzjalità**

1. Meta jipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3(1) sa (6), Stat Membru jista' jindika jekk xi parti mill-informazzjoni, kemm jekk tkun ta' natura kummerċjali jew tkun informazzjoni oħra, li l-iżvelar tagħha jista' jkun ta' ħsara għall-attivitajiet tal-partijiet involuti, għandhiex titqies bħala kunfidenzjali u jekk l-informazzjoni pprovduta tistax tkun kondiviża ma' Stati Membri oħrajn. Il-Kummissjoni għandha tirrispetta dawk l-indikazzjonijiet.

2. It-talbiet għall-kunfidenzjalità skont dan l-Artikolu ma għandhomx jirrestrinġu l-aċċess tal-Kummissjoni nnifisha għal informazzjoni kunfidenzjali. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-aċċess għall-informazzjoni kunfidenzjali jkun limitat strettament għas-servizzi tal-Kummissjoni li jkollhom ħtieġa assoluta li jkollhom l-informazzjoni disponibbli.

*Artikolu 5*

**Għajnuna mill-Kummissjoni**

Meta Stat Membru jagħti lill-Kummissjoni n-notifika dwar negozjati skont l-Artikolu 3(3), dak l-Istat Membru jista' jitlob l-għajnuna tal-Kummissjoni f'dawk in-negozjati.

Fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jew fuq talba tal-Kummissjoni u bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tipparteċipa fin-negozjati bħala osservatur.

Fejn il-Kummissjoni tkun qed tipparteċipa fin-negozjati bħala osservatur, tista' tipprovdi pariri lill-Istat Membru kkonċernat dwar kif jevita l-inkompatibbiltà tal-ftehim intergovernattiv jew l-emenda li qed tiġi nnegozjata mal-liġi tal-Unjoni.

*Artikolu 6*

**Valutazzjoni tal-kompatibbiltà**

1. Fejn Stat Membru qed jinnegozja ftehim intergovernattiv jew emenda għal ftehim intergovernattiv eżistenti u ma kienx possibbli għalih, abbażi tal-valutazzjoni tiegħu stess, jasal għal konklużjoni ċara dwar il-kompatibbiltà tal-ftehim intergovernattiv jew l-emenda li qed tiġi nnegozjata mal-liġi tal-Unjoni, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan qabel l-għeluq tan-negozjati u jippreżentalha l-abbozz tal-ftehim jew l-emenda flimkien ma' kwalunkwe annes għalih/a.

2. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien erba' ġimgħat mid-data meta tirċievi l-abbozz tal-ftehim jew l-emenda, inklużi l-annessi għalihom, tinforma lill-Istat Membru kkonċernat b'kull dubju li jista' jkollha dwar il-kompatibbiltà tal-abbozz ta' ftehim intergovernattiv jew emenda mal-liġi tal-Unjoni. Jekk il-Kummissjoni ma tagħti ebda tweġiba matul dak il-perijodu, il-Kummissjoni għandha titqies bħala li ma għandha ebda dubju.

3. Fejn il-Kummissjoni tinforma lill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 2 li għandha dubji, għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat bl-opinjoni tagħha dwar il-kompatibbiltà mal-liġi tal-Unjoni tal-abbozz ta' ftehim intergovernattiv jew emenda skont il-paragrafu 1 fi żmien 10 ġimgħat mid-data ta' riċeviment imsemmija fil-paragrafu 2 (il-perijodu ta' eżami).

Bl-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, il-perijodu tal-eżami jista' jiġi estiż. Fin-nuqqas ta' opinjoni mill-Kummissjoni matul il-perijodu ta' eżami, il-Kummissjoni għandha titqies bħala li ma qajmet ebda oġġezzjoni.

4. Il-perijodi ta' żmien imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiqsaru bi qbil mal-Kummissjoni jekk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw dan.

*Artikolu 7*

**Koordinazzjoni bejn l-Istati Membri**

Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita u tippromwovi l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri bil-għan li:

(a) jiġu riveduti l-iżviluppi fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u jitfittxu l-konsistenza u l-koerenza fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija ma' pajjiżi produtturi, ta' transitu u ta' konsum;

(b) jiġu identifikati l-problemi komuni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u tiġi kkunsidrata l-azzjoni adatta sabiex jiġu indirizzati dawk il-problemi u, fejn ikun adatt, jiġu proposti s-soluzzjonijiet;

(c) fuq il-bażi tal-aħjar prattika u b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, jiġu żviluppati klawżoli mudell fakultattivi li jekk jiġu applikati jtejbu sostanzjalment il-konformità tal-ftehimiet intergovernattivi futuri mal-liġi tal-Unjoni;

(d) jingħata appoġġ, fejn ikun adatt, għall-iżvilupp ta' ftehimiet intergovernattivi multilaterali li jinvolvu diversi Stati Membri jew l-Unjoni kollha kemm hi.

*Artikolu 8*

**Rappurtar u reviżjoni**

1. Sal-1 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

2. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jivvaluta l-miżura kemm din id-Deċiżjoni tippromwovi l-konformità tal-ftehimiet intergovernattivi mal-liġi tal-Unjoni u livell għoli ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri rigward ftehimiet intergovernattivi. Huwa għandu jivvaluta wkoll l-impatt ta' din id-Deċiżjoni fuq in-negozjati ta' Stati Membri ma' pajjiżi terzi u jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-proċeduri li tistabbilixxi humiex adatti.

3. Wara li tippreżenta l-ewwel rapport imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull tliet snin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-informazzjoni li tirċievi skont l-Artikolu 3, waqt li tieħu kont dovut tad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 10*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-25 ta' Ottubru 2012.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. D. MAVROYIANNIS |

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 995/2012

**tas-26 ta' Ottubru 2012**

**li jimplimenta d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrigwarda l-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-qasam tal-istatistika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija, kif ukoll talbiet għal statistika ġdida u iktar dettaljata u frekwenti, għandhom jiġu stipulati miżuri ta' implimentazzjoni ġodda tad-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE.

(2) L-appoġġ statistiku eżistenti għad-deċiżjonijiet fl-oqsma tal-politika kurrenti għandu jitkompla u rekwiżiti addizzjonali li jkunu ġejjin minn inizjattivi politiċi ġodda għandhom ikunu sodisfatti, bil-ħsieb tal-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli u l-imminimizzar tal-piż tar-reazzjoni.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] dwar l-Istatistika Ewropea jistipula qafas ta' referenza, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dwar l-aċċess għas-sorsi ta' dejta amministrattivi u l-kunfidenzjalità statistika.

(4) Dan huwa neċessarju biex jiġi żgurat li l-istatistika Ewropea dwar ix-xjenza u t-teknoloġija jkunu konsistenti ma' standards internazzjonali oħrajn. Għal dak il-għan, għandu jitqies ix-xogħol imwettaq mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u għaqdiet internazzjonali oħrajn. B'mod partikolari, il-Manwal ta' Frascati dwar l-istatistika tal-iżvilupp u r-riċerka, il-Manwal ta' Kanberra dwar l-istatistika dwar ir-riżorsi umani ddedikati għax-xjenza u t-teknoloġija, il-Manwal tal-Istatistika dwar il-Privattivi tal-OECD, ippubblikati mill-OECD, kif ukoll il-Manwal ta' Oslo dwar l-istatistika tal-innovazzjoni, ippubblikat b'mod konġunt mill-OECD u l-Kummissjoni Ewropea (Eurostat), għandhom jipprovdu qafas ta' referenza.

(5) Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2004 tat-22 ta' April 2004 li jimplimenta d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istatistika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija [3] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1450/2004 tat-13 ta' Awwissu 2004 li jimplementa d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika tal-Komunità dwar l-innovazzjoni [4] għandhom jitħassru.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jistipula regoli dettaljati li jikkonċernaw il-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar ix-xjenza u teknoloġija.

*Artikolu 2*

1. Dan ir-Regolament għandu jkopri s-suġġetti li ġejjin:

(a) l-istatistika dwar ir-riċerka u l-iżvilupp (R & Ż);

(b) l-istatistika dwar l-approprjazzjonijiet baġitarji tal-gvern jew dwar il-ħruġ tal-flus fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (GBAORD);

(c) l-istatistika dwar l-innovazzjoni;

(d) l-istatistika dwar ir-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija, inklużi l-istatistika dwar is-sessi u l-mobilità, l-istatistika

[1] ĠU L 230, 16.9.2003, p. 1.
[2] ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.
[3] ĠU L 118, 23.4.2004, p. 23.
[4] ĠU L 267, 14.8.2004, p. 32.

dwar il-privattivi, l-istatistika dwar l-industriji ta' teknoloġija għolja u s-servizzi msejsa fuq l-għarfien u statistika oħra dwar ix-xjenza u t-teknoloġija.

Il-listi ta' varjabbi statistiċi, l-attivitajiet u s-setturi koperti, it-tqassim tar-riżultati, il-frekwenza, id-dati ta' skadenza għall-forniment tad-dejta u l-perjodu ta' referenza għandhom ikunu speċifikati fl-Annessi I u II.

Rigward is-suġġetti msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, id-dejta meħtieġa għandha tinkiseb fil-biċċa l-kbira missorsi statistiċi jew ta' dejta eżistenti oħra, kif speċifikat fit-taqsima 3 tal-Anness I.

2. Il-listi ta' varjabbi statistiċi, l-attivitajiet u s-setturi koperti, it-tqassim tar-riżultati, il-frekwenza, id-dati ta' skadenza għall-forniment tad-dejta u karatteristiċi oħra stabbiliti fl-Annessi I u II għandhom, fejn xieraq, jiġu riveduti f'intervalli regolari.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jiksbu d-dejta meħtieġa bl-użu ta' kombinazzjoni ta' sorsi differenti bħalma huma stħarriġiet b'kampjuni, sorsi ta' dejta amministrattiva jew sorsi oħrajn ta' dejta. F'termini tal-proċeduri tal-istima tal-istatistika jew tal-kwalità, is-sorsi l-oħra ta' dejta għandhom ikunu mill-inqas ekwivalenti għall-istħarriġiet b'kampjuni jew is-sorsi ta' dejta amministrattiva.

*Artikolu 4*

L-istatistika msemmija fl-Annessi I u II għandha tkun ibbażata fuq il-kunċetti u d-definizzjonijiet armonizzati, partikolarment dawk li jinsabu fil-verżjonijiet l-aktar reċenti tal-Manwal ta' Frascati (statistika tar-R & Ż), il-Manwal ta' Kanberra (statistika dwar ir-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija), il-Manwal dwar l-Istatistika tal-Privattivi tal-OECD (statistika dwar il-privattivi), il-Manwal ta' Oslo (l-istatistika tal-innovazzjoni) jew standards armonizzati oħrajn.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-varjabbli elenkati fl-Annessi I u II, inkluża dejta kunfidenzjali, lill-Kummissjoni (Eurostat), bl-użu tal-istandard tekniku ddeterminat mill-Kummissjoni (Eurostat) b'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'reġistri ta' dejta individwali dwar l-istatistika tal-innovazzjoni fuq bażi volontarja bl-użu ta' standard tekniku ddeterminat mill-Kummissjoni (Eurostat).

*Artikolu 6*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tad-dejta pprovduta.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapporti tal-kwalità standard li jikkonċernaw id-dejta dwar:

(a) ir-riċerka u l-iżvilupp (R & Ż);

(b) l-approprjazzjonijiet baġitarji tal-gvern jew il-ħruġ tal-flus fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (GBAORD);

(c) l-innovazzjoni.

F'dak li jirrigwarda r-riċerka u l-iżvilupp, għandhom jitfasslu rapporti separati ta' kwalità għas-settur tal-intrapriżi tan-negozju, is-settur tal-gvern u s-settur tal-edukazzjoni għolja. Ir-rapporti tal-kwalità għas-settur privat bla qligħ għandhom jitfasslu biss jekk l-infiq fir-R & Ż tiegħu bħala sehem mill-infiq totali nazzjonali fir-R & Ż ikun iktar minn 5 %.

3. Rapporti tal-kwalità għandhom jitfasslu mill-Istati Membri b'konformità mar-regoli stipulati fl-Anness III u għandhom ikopru l-kriterji tal-kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

4. L-ewwel rapporti tal-kwalità dwar ir-R & Ż u l-GBAORD għandhom jitfasslu għad-dejta li tikkonċerna s-sena ta' referenza 2011 u għandhom jintbagħtu sal-31 ta' Ottubru 2013. Għall-istatistika tal-innovazzjoni, l-ewwel rapporti tal-kwalità għandhom jitfasslu għad-dejta li tikkonċerna s-sena ta' referenza 2012 u għandhom jintbagħtu sal-31 ta' Ottubru 2014. Rapporti tal-kwalità sussegwenti għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni (Eurostat) kull tieni sena fi żmien 22 xahar minn tmiem is-sena ta' referenza li d-dejta tinġabar għaliha.

*Artikolu 7*

Ir-Regolamenti (KE) Nru 753/2004 u (KE) Nru 1450/2004 huma mħassrin.

Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 753/2004 għandu jkompli japplika fir-rigward tar-R & Ż u tal-GBAORD għas-sena ta' referenza 2011.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

## STATISTIKA DWAR IX-XJENZA U T-TEKNOLOĠIJA

*Taqsima 1*

### Statistika dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp

1. L-istatistika trid tinġaba għall-attivitajiet tar-R & Ż li jsiru fl-ekonomija kollha. Ir-riżultati għandhom jirrelataw mal-popolazzjoni tal-unitajiet kollha li jagħmlu R & Ż ikklassifikati f'Taqsimiet A sa U tal-klassifikazzjoni statistika komuni tal-attivitajiet ekonomiċi kif stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (NACE Rev.2).

2. L-unitajiet statistiċi li jridu jintużaw sabiex tinġabar l-istatistika elenkata fil-paragrafu 3 huma: a) l-intrapriżi għall-istatiska li trid tinġabar fil-livell nazzjonali u b) l-unitajiet lokali għall-istatistika li trid tinġabar fil-livell reġjonali (NUTS 2). Id-definizzjonijiet tal-unitajiet statistiċi li jridu jintużaw ("intrapriża" u "unità lokali") huma kif inhuma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-unitajiet statistiċi għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità ([2]).

3. Il-lista tal-istatistika (inkluż it-tqassim tagħhom) li għandha tinġabar hija stabbilita hawn taħt.

([1]) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1.

| Kodiċi | Titolu | Is-setturi kollha | Skont is-settur ta' prestazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Is-settur tal-intrapriżi tan-negozju | Is-settur tal-edukazzjoni għolja | Is-settur tal-gvern | Is-settur privat bla qligħ | Kummenti |
| 1.11 | **Għadd ta' persunal fir-R & Ż b'kollox** | | | | | | |
| | Mingħajr tqassim | 1.11.0.0 | 1.11.0.1 | 1.11.0.2 | 1.11.0.3 | 1.11.0.4 | |
| | Skont ix-xogħol u s-sess | 1.11.1.0 | 1.11.1.1 | 1.11.1.2 | 1.11.1.3 | 1.11.1.4 | |
| | Skont il-kwalifika u s-sess | 1.11.2.0 | 1.11.2.1 | 1.11.2.2 | 1.11.2.3 | 1.11.2.4 | Fakultattiv |
| | Skont l-attività ekonomika prinċipali (NACE) | | 1.11.3.1 | | | | |
| | Skont il-qasam ewlieni fix-xjenza u s-sess | | | 1.11.4.2 | 1.11.4.3 | | |
| | Skont ir-reġjun (NUTS 2) | 1.11.5.0 | 1.11.5.1 | 1.11.5.2 | 1.11.5.3 | 1.11.5.4 | |
| | Skont ir-reġjun (NUTS 2) u s-sess | 1.11.6.0 | 1.11.6.1 | 1.11.6.2 | 1.11.6.3 | 1.11.6.4 | Fakultattiv |
| | Skont l-attività ekonomika prinċipali (NACE) u s-sess | | 1.11.7.1 | | | | |
| 1.12 | **Għadd ta' riċerkaturi b'kollox** | | | | | | |
| | Mingħajr tqassim | 1.12.0.0 | 1.12.0.1 | 1.12.0.2 | 1.12.0.3 | 1.12.0.4 | |
| | Skont is-sess | 1.12.1.0 | 1.12.1.1 | 1.12.1.2 | 1.12.1.3 | 1.12.1.4 | |
| | Skont il-kwalifika u s-sess | 1.12.2.0 | 1.12.2.1 | 1.12.2.2 | 1.12.2.3 | 1.12.2.4 | Fakultattiv |
| | Skont l-attività ekonomika prinċipali (NACE) u s-sess | | 1.12.3.1 | | | | |
| | Skont il-qasam ewlieni fix-xjenza u s-sess | | | 1.12.4.2 | 1.12.4.3 | | |
| | Skont ir-reġjun (NUTS 2) | 1.12.5.0 | 1.12.5.1 | 1.12.5.2 | 1.12.5.3 | 1.12.5.4 | |
| | Skont ir-reġjun (NUTS 2) u s-sess | 1.12.6.0 | 1.12.6.1 | 1.12.6.2 | 1.12.6.3 | 1.12.6.4 | Fakultattiv |
| | Skont il-grupp tal-età u s-sess | 1.12.7.0 | 1.12.7.1 | 1.12.7.2 | 1.12.7.3 | 1.12.7.4 | Fakultattiv |
| | Skont iċ-ċittadinanza u s-sess | 1.12.8.0 | 1.12.8.1 | 1.12.8.2 | 1.12.8.3 | 1.12.8.4 | Fakultattiv |

| Kodiċi | Titolu | Is-setturi kollha | Skont is-settur ta' prestazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Is-settur tal-intrapriżi tan-negozju | Is-settur tal-edukazzjoni għolja | Is-settur tal-gvern | Is-settur privat bla qligħ | Kummenti |
| 1.13 | **Għadd ta' persunal fir-R & Ż f'ekwivalenti għall-full time (FTE)** | | | | | | |
| | Mingħajr tqassim | 1.13.0.0 | 1.13.0.1 | 1.13.0.2 | 1.13.0.3 | 1.13.0.4 | Kull sena |
| | Skont ix-xogħol | 1.13.1.0 | 1.13.1.1 | 1.13.1.2 | 1.13.1.3 | 1.13.1.4 | |
| | Skont il-kwalifika | 1.13.2.0 | 1.13.2.1 | 1.13.2.2 | 1.13.2.3 | 1.13.2.4 | Fakultattiv |
| | Skont l-attività ekonomika prinċipali (NACE) | | 1.13.3.1 | | | | |
| | Skont il-qasam ewlieni fix-xjenza u s-sess | | | 1.13.4.2 | 1.13.4.3 | | Fakultattiv |
| | Skont ir-reġjun (NUTS 2) | 1.13.5.0 | 1.13.5.1 | 1.13.5.2 | 1.13.5.3 | 1.13.5.4 | |
| | Skont il-klassi tad-daqs | | 1.13.6.1 | | | | Fakultattiv għall-klassijiet tad-daqs 0 u minn impjegat wieħed sa disgħa. |
| 1.14 | **Għadd ta' riċerkaturi f'ekwivalenti għall-full time (FTE)** | | | | | | |
| | Mingħajr tqassim | 1.14.0.0 | 1.14.0.1 | 1.14.0.2 | 1.14.0.3 | 1.14.0.4 | Kull sena |
| | Skont is-sess | 1.14.1.0 | 1.14.1.1 | 1.14.1.2 | 1.14.1.3 | 1.14.1.4 | Fakultattiv |
| | Skont il-kwalifika | 1.14.2.0 | 1.14.2.1 | 1.14.2.2 | 1.14.2.3 | 1.14.2.4 | Fakultattiv |
| | Skont l-attività ekonomika prinċipali (NACE) | | 1.14.3.1 | | | | |
| | Skont il-qasam ewlieni fix-xjenza u s-sess | | | 1.14.4.2 | 1.14.4.3 | | Fakultattiv |
| | Skont ir-reġjun (NUTS 2) | 1.14.5.0 | 1.14.5.1 | 1.14.5.2 | 1.14.5.3 | 1.14.5.4 | |
| | Skont ir-reġjun (NUTS 2) u s-sess | 1.14.6.0 | 1.14.6.1 | 1.14.6.2 | 1.14.6.3 | 1.14.6.4 | Fakultattiv |
| | Skont il-klassi tad-daqs | | 1.14.7.1 | | | | Fakultattiv għall-klassijiet tad-daqs 0 u minn impjegat wieħed sa disgħa. |
| 1.20 | **Infiq intramurali fir-R & Ż** | | | | | | |
| | Mingħajr tqassim | 1.20.0.0 | 1.20.0.1 | 1.20.0.2 | 1.20.0.3 | 1.20.0.4 | Kull sena |

| Kodiċi | Titolu | Is-setturi kollha | Skont is-settur ta' prestazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Is-settur tal-intrapriżi tan-negozju | Is-settur tal-edukazzjoni għolja | Is-settur tal-gvern | Is-settur privat bla qligħ | Kummenti |
| | Skont is-sors tal-fondi | 1.20.1.0 | 1.20.1.1 | 1.20.1.2 | 1.20.1.3 | 1.20.1.4 | |
| | Skont it-tip tar-R & Ż | 1.20.3.0 | 1.20.3.1 | 1.20.3.2 | 1.20.3.3 | 1.20.3.4 | Fakultattiv għall-HES u għas-setturi kollha |
| | Skont it-tip ta' spejjeż | 1.20.4.0 | 1.20.4.1 | 1.20.4.2 | 1.20.4.3 | 1.20.4.4 | |
| | Skont l-attività ekonomika prinċipali (NACE) | | 1.20.5.1.1 | | | | |
| | Skont il-qasam tal-prodott (NACE) | | 1.20.5.1.2 | | | | Fakultattiv |
| | Skont il-klassi tad-daqs | | 1.20.6.1 | | | | Fakultattiv għall-klassijiet tad-daqs 0 u minn impjegat wieħed sa disgħa. |
| | Skont is-sors tal-fondi u l-klassi tad-daqs | | 1.20.7.1 | | | | Fakultattiv għall-klassijiet tad-daqs 0 u minn impjegat wieħed sa disgħa. |
| | Skont il-qasam ewlieni tax-xjenza | | | 1.20.8.2 | 1.20.8.3 | | |
| | Skont l-għan soċjoekonomiku (SEO) | | | | 1.20.9.3 | | Fakultattiv |
| | Skont ir-reġjun (NUTS 2) | 1.20.10.0 | 1.20.10.1 | 1.20.10.2 | 1.20.10.3 | 1.20.10.4 | |

4. Il-varjabbli għandhom ikunu pprovduti kull sentejn f'kull sena farrada, ħlief għal dawk li t-tabelli tal-paragrafu 3 jistipulaw li għandhom jiġu pprovduti kull sena.

5. L-ewwel sena ta' referenza li għaliha trid tingħabar l-istatistika mniżżla fil-paragrafu 3 hija s-sena kalendarja 2012.

6. Ir-riżultati jridu jiġu pprovduti fi żmien 18-il xahar minn tmiem is-sena kalendarja tal-perjodu ta' referenza. Barra minn hekk, ir-riżultati preliminari għall-varjabbli bi frekwenza annwali jridu jiġu pprovduti fi żmien 10 xhur minn tmiem is-sena kalendarja tal-perjodu ta' referenza.

7. Produzzjoni tar-riżultati

7.1. Ir-riżultati tal-istatistika skont ix-xogħol iridu jitqassmu f'"riċerkaturi" u "persunal ieħor fir-R & Ż".

7.2. Ir-riżultati tal-istatistika skont il-kwalifika jridu jitqassmu f'"detenturi ta' PhD (ISCED 2011 livell 8)", "lawrji Universitarji oħrajn u diplomi terzjarji oħrajn (ISCED 2011 livelli 5, 6 u 7)" u "kwalifiki oħrajn".

7.3. Ir-riżultati tal-istatistika skont il-qasam ewlieni tax-xjenza jridu jitqassmu fi "xjenzi naturali", "inġinerija u teknoloġija", "xjenzi mediċi", "xjenzi agrikoli", "xjenzi soċjali" u "l-istudji umanistiċi klassiċi".

7.4. Ir-riżultati tal-istatistika skont il-klassi tad-daqs jitqassmu fil-klassijiet tad-daqs li ġejjin: "0 impjegati", "minn impjegat wieħed għal disgħa", "minn 10 sa 49 impjegat", "minn 50 sa 249 impjegat", "minn 250 sa 499 impjegat", "500 impjegat jew iktar".

7.5. Ir-riżultati tal-istatistika skont is-sors tal-fondi jridu jitqassmu f'"is-settur tal-intrapriżi tan-negozju", "is-settur tal-gvern", "is-settur privat bla qligħ", "is-settur tal-edukazzjoni għolja" u "barra l-pajjiż". Il-kategorija "barra l-pajjiż" terġa' titqassam fi: "intrapriżi tan-negozju barranin", "il-Kummissjoni Ewropea", "għaqdiet internazzjonali" u "sorsi oħrajn". Għall-kategorija tas-settur tal-intrapriżi tan-negozju "intrapriżi tan-negozju barranin" trid terġa' titqassam f'"intrapriżi barranin fi ħdan l-istess grupp" u "intrapriżi barranin oħrajn".

7.6. Ir-riżultati tal-istatistika skont it-tip ta' R & Ż jitqassmu f'"riċerka bażika", "riċerka applikata" u "żvilupp sperimentali".

7.7. Ir-riżultati tal-istatistika skont it-tip ta' spejjeż iridu jitqassmu fi "spejjeż kurrenti (spejjeż tax-xogħol u spejjeż oħrajn)" u "nfiq kapitali".

7.8. Ir-riżultati tal-istatistika skont l-għan soċjoekonomiku (SEO) jitqassmu skont in-nomenklatura għall-analiżi u t-tqabbil tal-baġits u l-programmi xjentifiċi (NABS) fil-livell tal-kapitlu.

7.9. Ir-riżultati tal-istatistika skont il-grupp tal-età jitqassmu fil-klassijiet tal-età li ġejjin (fi snin): "sal-25 sena", "minn 25 sa 34 sena", "minn 35 sa 44 sena", "minn 45 sa 54 sena", "minn 55 sa 64 sena", "'il fuq minn 65".

7.10. Ir-riżultati tal-istatistika skont il-klassi tad-daqs jitqassmu fil-klassijiet tad-daqs li ġejjin: "ċittadinanza nazzjonali", "ċittadinanza tal-Istati Membri l-oħra tal-UE", "ċittadinanza ta' pajjiżi Ewropej oħrajn", "ċittadinanza tal-Amerika ta' Fuq", "ċittadinanza tal-Amerika Ċentrali u t'Isfel"; "ċittadinanza tal-Asja", "ċittadinanza tal-Afrika", "ċittadinanza oħra".

7.11. Ir-riżultati tal-istatistika skont l-attività ekonomika u skont il-qasam tal-prodott (NACE Rev. 2) jitqassmu fit-taqsimiet, grupp u aggregati NACE Rev.2 li ġejjin:

"01, 02, 03", "05, 06, 07, 08, 09", "10 sa 33", "10, 11, 12", "10, 11", "12", "13, 14, 15", "13", "14", "15", "16, 17, 18", "16", "17", "18", "19", "20", "21", "22", "23", "24", "25, 26, 27, 28, 29, 30", "25", "25.4", "26", "26.1", "26.2", "26.3", "26.4", "26.5", "26.6", "26.7", "27", "28", "29", "30", "30.1", "30.2", "30.3", "30.4", "31", "32", "32.5", "33", "35, 36, 37, 38, 39" "35, 36", "37, 38, 39", "41, 42, 43", "45, 46, 47, 49, 50, 51, 52, 53, 55, 56, 58, 59, 60, 61, 62, 63, 64, 65, 66, 68, 69, 70, 71, 72, 73, 74, 75, 77, 78, 79, 80, 81, 82", "45, 46, 47", "49, 50, 51, 52, 53", "55, 56", "58, 59, 60, 61, 62, 63", "61", "62", "63", "64, 65, 66", "68", "69, 70, 71, 72, 73, 74, 75", "71", "72", "72.1", "72.2", "77, 78, 79, 80, 81, 82", "84, 85", "86, 87, 88", "86", "87, 88", "90, 91, 92, 93", "94, 95, 96, 97, 98, 99", "01 sa 99".

8. Il-kunċetti u d-definizzjonijiet relatati mal-istatistika spjegati f'din it-taqsima huma stabbiliti fil-Manwal ta' Frascati.

9. Fuq bażi volontarja, il-Kummissjoni u/jew l-Istati Membri se jagħmlu studji pilota dwar varjabbli addizzjonali u tqassimiet ta' statistika dwar ir-R & Ż bil-ħsieb li tissaħħaħ il-bażi tal-evidenza xjentifika dwar it-tfassil tal-politika tar-R & Ż. L-istudji pilota għandhom isiru sabiex jiġu vvalutati r-rilevanza u l-fattibilità tal-ksib tad-dejta, wara li jitqiesu l-benefiċċji tad-disponibilità tad-dejta f'relazzjoni mal-ispiża tal-ġbir u l-piż fuq in-negozju. Is-suġġetti tal-istudju pilota se jiġu deċiżi b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

*Taqsima 2*

**Statistika dwar l-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-gvern jew ħlasijiet dwar ir-riċerka u l-iżvilupp (GBAORD)**

1. L-istatistika segwenti trid tinġabar:

| Kodiċi | Titlu |
|---|---|
| 21.0 | Approprjazzjonijiet tal-gvern fir-R & Ż fil-baġit provviżorju (kif approvat mill-Parlament fil-bidu tas-sena baġitarja). |
| 21.1 | Approprjazzjonijiet tal-gvern fir-R & Ż fil-baġit finali (baġit rivedut approvat matul is-sena baġitarja) |
| 22.0 | Finanzjament pubbliku nazzjonali għal R & Ż koordinata b'mod transnazzjonali |

2. Il-varjabbli kollha għandhom ikunu pprovduti annwalment.

3. L-ewwel sena ta' referenza li għaliha trid tinġabar l-istatistika hija s-sena kalendarja 2012.

4. Ir-riżultati jridu jiġu pprovduti fi żmien sitt xhur minn tmiem is-sena kalendarja tal-perjodu ta' referenza għall-varjabbli 21.0 (inklużi t-tqassimiet kollha) u fi żmien 12-il xahar mill-varjabbli 21.1 u 22.0 (inklużi t-tqassimiet kollha).

5. Produzzjoni tar-riżultati

5.1. Ir-riżultati tal-istatistika miġbura għall-varjabbli 21.0 u 21.1 jitqassmu skont in-nomenklatura għall-analiżi u t-tqabbil tal-baġits u l-programmi xjentifiċi (NABS 2007) fil-livell tal-kapitlu.

5.2. Ir-riżultati tal-istatistika miġbura għall-varjabbli 21.1 iridu jitqassmu:

(a) skont in-nomenklatura għall-analiżi u t-tqabbil tal-baġits u l-programmi xjentifiċi (NABS 2007) fil-livell tas-sottokapitlu - fakultattiv;

(b) f'"finanzjament tal-proġett" u "finanzjament istituzzjonali" — fakultattiv.

5.3. Ir-riżultati tal-istatistika miġbura għall-varjabbli 22.0 jridu jitqassmu f'"kontribuzzjonijiet nazzjonali għal atturi pubbliċi u transnazzjonali fir-R & Ż", "kontribuzzjonijiet nazzjonali għal programmi ta' R & Ż pubbliċi, transnazzjonali u pan-Ewropej" u "kontribuzzjonijiet nazzjonali għal programmi ta' R & Ż pubbliċi bilaterali jew multilaterali bejn il-gvernijiet tal-Istat Membru (u mal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tal-EFTA)".

6. Il-kunċetti u d-definizzjonijiet relatati mal-istatistika spjegati f'din it-taqsima huma stabbiliti fil-Manwal ta' Frascati jew standards armonizzati oħrajn.

*Taqsima 3*

**Statistika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija**

Ix-xogħol li jirrelata ma' oqsma oħra tal-istatistika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija għandu jirreferi b'mod partikolari għas-suġġetti li ġejjin:

(a) statistika dwar ir-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija (inkluża statistika dwar is-sess u l-mobilità) (HRST): żvilupp u implimentazzjoni ta' qafas komprensiv għall-istatistika dwar l-HRST prinċipalment bl-isfruttament tas-sorsi ta' dejta nazzjonali u internazzjonali eżistenti b'mod iktar effikaċi (ukoll fi ħdan is-sistema statistika Ewropea). Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-aspetti tas-sessi;

(b) statistika dwar il-privattivi: żvilupp u implimentazzjoni ta' qafas komprensiv għall-istatistika dwar il-privattivi billi tiġi pprovduta regolarment statistika dwar il-privattivi nazzjonali u internazzjonali u indikaturi bbażati fuq l-informazzjoni disponibbli mill-uffiċċji tal-privattivi nazzjonali u internazzjonali;

(c) statistika dwar l-industriji ta' teknoloġija għolja u servizzi bbażati fuq l-għarfien: Żvilupp u implimentazzjoni ta' qafas komprensiv għall-istatistika dwar l-industriji ta' teknoloġija għolja u servizzi bbażati fuq l-għarfien, prinċipalment bl-isfruttament tas-sorsi ta' dejta nazzjonali u internazzjonali eżistenti b'mod iktar effikaċi (ukoll fi ħdan is-sistema statistika Ewropea). Din il-ħidma tinkludi wkoll l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-attivitajiet u l-prodotti, il-kejl tal-prestazzjoni ekonomika ta' dawn l-attivitajiet u l-kontribut tagħhom għall-prestazzjoni tal-ekonomija kollha kemm hi;

(d) statistika oħra dwar ix-xjenza u t-teknoloġija: Il-ħidma addizzjonali ta' żvilupp u implimentazzjoni huwa relatat, fost affarijiet oħra mal-istatistika dwar il-bijoteknoloġija, in-nanoteknoloġija jew oqsma oħra fejn ix-xjenza u t-teknoloġija huma vitali għall-issodisfar tal-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea (bħas-saħħa, is-sigurtà, l-ambjent u l-bdil fil-klima).

Għas-suġġetti elenkati f'din it-taqsima, id-dejta neċessarja se tinkiseb l-iktar permezz ta' sorsi eżistenti ta' dejta statistiċi jew sorsi ta' dejta oħrajn (eż. fil-qasam tal-istatistika soċjali jew ekonomika).

*ANNESS II*

## STATISTIKA TAL-INNOVAZZJONI

*Taqsima 1*

L-intrapriża hija l-unità statistika użata għall-kumpilazzjoni tal-istatistika elenkata fit-Taqsima 2. Id-definizzjonijiet tal-unitajiet statistiċi li jridu jintużaw ("intrapriża") huma kif stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 696/93.

*Taqsima 2*

L-Istati Membri għandhom jiġbru l-istatistika tal-innovazzjoni li ġejja:

| Varjabbli | Titlu | Kummenti |
|---|---|---|
| 1 | Għadd ta' intrapriżi attivi fl-innovazzjoni | Bħala valur assolut u bħala perċentwal tal-intrapriżi kollha |
| 2 | Għadd ta' intrapriżi li jinnovaw li introduċew prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti, ġodda fis-suq/ġodda għall-intrapriżi | Bħala valur assolut, bħala perċentwal tal-intrapriżi kollha u bħala perċentwal tal-intrapriżi attivi fl-innovazzjoni kollha |
| 3 | Fatturat mill-innovazzjoni, relatati ma' prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti, ġodda għas-suq | Bħala valur assolut, bħala perċentwali tal-fatturat totali u bħala perċentwal tal-fatturat totali mill-intrapriżi attivi fl-innovazzjoni |
| 4 | Fatturat mill-innovazzjoni, relatati ma' prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti, ġodda għall-kumpanija imma mhux ġodda għas-suq | Bħala valur assolut, bħala perċentwali tal-fatturat totali u bħala perċentwal tal-fatturat totali mill-intrapriżi attivi fl-innovazzjoni |
| 5 | Għadd ta' intrapriżi attivi fl-innovazzjoni involuti fil-kooperazzjoni tal-innovazzjoni | Bħala valur assolut u bħala perċentwal tal-intrapriżi attivi fl-innovazzjoni |
| 6 | Infiq fl-innovazzjoni | Bħala valur assolut, bħala perċentwali tal-fatturat totali u bħala perċentwal tal-fatturat totali mill-intrapriżi attivi fl-innovazzjoni |
| 7 | Għadd ta' intrapriżi attivi fl-innovazzjoni li indikaw għanijiet importanti ħafna tal-innovazzjoni | Bħala valur assolut u bħala perċentwal tal-intrapriżi attivi fl-innovazzjoni kollha fakultattiva |
| 8 | Għadd ta' intrapriżi attivi fl-innovazzjoni li indikaw sorsi ta' informazzjoni importanti ħafna għall-innovazzjoni | Bħala valur assolut u bħala perċentwal tal-intrapriżi attivi fl-innovazzjoni kollha fakultattiva |
| 9 | Għadd ta' intrapriżi li jiffaċċjaw fatturi ta' osatklu importanti | Bħala valur assolut, bħala perċentwal tal-intrapriżi kollha, bħala perċentwal tal-intrapriżi attivi fl-innovazzjoni kollha u bħala perċentwal ta' intrapriżi attivi mhux fl-innovazzjoni fakultattiva |
| 10 | Għadd ta' intrapriżi li jinnovaw li żviluppaw l-innovazzjonijiet huma stess jew flimkien mal-intrapriżi/istituzzjonijiet l-oħra | Bħala valur assolut u bħala perċentwal tal-intrapriżi attivi fl-innovazzjoni kollha |

Minbarra l-istatistika elenkata hawn fuq, l-Istati Membri jistgħu jiġbru wkoll statistika addizzjonali (inklużi t-tqassimiet tagħhom) skont it-temi ewlenin elenkati fil-Manwal ta' Oslo. L-inklużjoni ta' din l-istatistika addizzjonali se tkun deċiża b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u tkun inkorporata fil-kwestjonarju tal-istħarriġ armonizzat.

*Taqsima 3*

Intrapriżi b'attività fis-suq fit-taqsimiet NACE Rev. 2 B, C, D, E, H, J, K u fit-taqsimiet NACE Rev. 2 46 u t-taqsimiet 71, 72 u 73 għandhom ikunu koperti. L-Istati Membri għandhom l-għażla li jestendu ulterjorment il-kopertura.

*Taqsima 4*

Il-varjabbli kollha għandhom ikunu pprovduti kull sentejn f'kull sena pari.

*Taqsima 5*

L-ewwel sena ta' referenza li għaliha trid tinġabar l-istatistika hija s-sena kalendarja 2012.

*Taqsima 6*

1. Ir-riżultati kollha għandhom jitqassmu skont l-attività ekonomika skont it-taqsimiet, diviżjonijiet jew aggregati oħrajn NACE Rev. 2 u skont il-klassijiet ta' daqs tal-impjiegi kif ġej:

| Kategorija NACE \ daqs tal-kategorija | 10-49 impjegat | 50-249 impjegat | iktar minn 249 impjegat | total |
|---|---|---|---|---|
| "B-C-D-E-46-H-J-K-71-72-73" | x | x | x | x |
| "B-C-D-E" | x | x | x | x |
| "B" | x | x | x | x |
| "C" | x | x | x | x |
| "10 sa 12" | | | | x |
| "13 sa 15" | | | | x |
| "16 sa 18" | | | | x |
| "19 sa 22" | | | | x |
| "20" | | | | x |
| "21" | | | | x |
| "23" | | | | x |
| "24" | | | | x |
| "25 sa 30" | | | | x |
| "25" | | | | x |
| "26" | | | | x |
| "31 sa 33" | | | | x |
| "D" | x | x | x | x |
| "E" | x | x | x | x |
| "36" | | | | x |
| "37 sa 39" | | | | x |
| "46-H-J-K-71-72-73" | x | x | x | x |
| "46" | x | x | x | x |
| "H" | x | x | x | x |
| "49 sa 51" | | | | x |
| "52 sa 53" | | | | x |
| "J" | x | x | x | x |
| "58" | | | | x |
| "61" | | | | x |
| "62" | | | | x |
| "63" | | | | x |

| Kategorija NACE \ daqs tal-kategorija | 10-49 impjegat | 50-249 impjegat | iktar minn 249 impjegat | total |
|---|---|---|---|---|
| "K" | x | x | x | x |
| "64" | | | | x |
| "65" | | | | x |
| "66" | | | | x |
| "71-72-73" | x | x | x | x |
| "71" | | | | x |
| "72" | | | | x |
| "73" | | | | x |

2. Ir-riżultati tal-varjabbli 1 għandhom ikopru u jitqassmu f'erba' tipi ta' innovazzjonijiet: il-proċess, il-prodott, innovazzjonijiet organizzattivi u ta' kummerċjalizzazzjoni. Ir-riżultati tal-varjabbli 5 sa 10 għandhom ikopru intrapriżi b'attivitajiet ta' innovazzjoni tal-prodott u/jew il-proċess. Il-kopertura u t-tqassim skont erba' tipi ta' innovazzjonijiet għall-varjabbli ħlief 1 se jiġu deċiżi b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u jkunu inkorporati fil-kwestjonarju tal-istħarriġ armonizzat.

3. Ir-riżultati tal-varjabbli 5 jridu jitqassmu skont it-tip ta' kooperazzjoni fl-innovazzjoni. Ir-riżultati tal-varjabbli 6 jridu jitqassmu skont it-tip ta' nfiq fl-innovazzjoni. Ir-riżultati tal-varjabbli 7 jridu jitqassmu skont it-tip ta' għanijiet tal-innovazzjoni. Ir-riżultati tal-varjabbli 8 jridu jitqassmu skont it-tip ta' sorsi ta' informazzjoni. Ir-riżultati tal-varjabbli 9 jridu jitqassmu skont it-tip ta' fatturi ta' ostakolu. Ir-riżultati tal-varjabbli 10 jridu jitqassmu skont it-tip ta' żviluppaturi. Dawn it-tqassimiet se jiġu deċiżi b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u inkorporati fil-kwestjonarju tal-istħarrip armonizzat.

*Taqsima 7*

1. Ir-riżultati kollha jridu jiġu pprovduti fi żmien 18-il xahar minn tmiem is-sena kalendarja tal-perjodu ta' referenza.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu fuq bażi volontarja, reġistri ta' dejta individwali li tkopri l-unitajiet statistiċi mistħarrġa kollha bħala parti mill-istħarriġiet nazzjonali tal-innovazzjoni lill-Kummissjoni (Eurostat).

*Taqsima 8*

1. Il-kwestjonarju tal-istħarriġ, użat għall-istħarriġiet tal-innovazzjoni li jsiru kull sentejn u li jibdew mis-sena ta' referenza 2012, għandu jkopri t-temi prinċipali elenkati fil-Manwal ta' Oslo fir-rigward tal-kejl tal-intrapriżi ta' innovazzjoni.

2. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ir-rakkomandazzjonijiet metodoloġiċi għall-istħarriġiet tal-innovazzjoni għandhom jitfasslu mill-Kummissjoni (Eurostat) u dan iwassal għal livell għoli ta' armonizzazzjoni tar-riżultati tal-istħarriġ. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom tal-anqas ikopru l-popolazzjoni fil-mira, il-metodoloġija tal-istħarriġ (inklużi aspetti reġjonali), il-kwestjonarju armonizzat tal-istħarriġ, il-ġbir, l-ipproċessar u l-forniment tad-dejta u r-rekwiżiti ta' kwalità tad-dejta.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bl-informazzjoni meħtieġa dwar il-metodoloġija nazzjonali użata fl-istatistika nazzjonali dwar l-innovazzjoni.

*ANNESS III*

## REKWIŻITI GĦAR-RAPPORTI TAL-KWALITÀ

*Taqsima 1*

### Introduzzjoni

Ir-rapporti ta' kwalità għandu jkun fihom kemm indikaturi kwantitattivi u kemm kwalitattivi tal-kwalità tad-dejta, fl-istruttura standard iddeterminata mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipprovdi r-riżultati għal dawk l-indikaturi kwantitattivi li jistgħu jiġu kkalkulati abbażi tad-dejta mogħtija mill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jinterpretawhom u jikkummentaw dwarhom, fid-dawl tal-metodoloġija tal-ġbir tagħhom u jipprovdu l-indikaturi kwantitattivi li jifdal kif ukoll l-informazzjoni kwalitattiva.

*Taqsima 2*

### Skeda

Kull tieni sena, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tforni lill-Istati Membri fi żmien 20 xahar wara tmiem is-sena ta' referenza (sal-aħħar ta' Awwissu) b'abbozzi ta' rapporti tal-kwalità standard, li diġà jinkludu indikaturi tal-kwalità u informazzjoni oħra disponibbli għall-Kummissjoni (Eurostat).

Kull tieni sena, l-Istati Membri għandhom ifornu lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 22 xahar wara tmiem is-sena ta' referenza (qabel l-aħħar ta' Ottubru) bir-rapporti ta' kwalità standard lesti.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 996/2012

## tas-26 ta' Ottubru 2012

## li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni tal-għalf u l-ikel li joriġina jew li ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 284/2012

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri ta' emerġenza tal-Unjoni xierqa għall-ikel u l-għalf importati minn pajjiż terz biex tithares is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, u dan meta r-riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri individwalment.

(2) Wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima fil-11 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ġiet infurmata li l-livelli ta' radjonuklidi f'ċerti prodotti tal-ikel li joriġinaw mill-Ġappun qabżu l-livelli ta' azzjoni fl-ikel applikabbli fil-Ġappun. Kontaminazzjoni bħal din tista' toħloq theddida għas-saħħa pubblika u tal-annimali fl-Unjoni u għalhekk ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 297/2011 tal-25 ta' Marzu 2011 li jimponi kundizzjonijiet speċjali dwar l-importazzjoni ta' għalf u ikel li joriġina jew ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima ([2]). Dak ir-Regolament ġie sostitwit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 961/2011 ([3]) li aktar tard kien sostitwit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 284/2012 ([4]).

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 284/2012 ġie emendat bosta drabi sabiex iqis l-iżvilupp tas-sitwazzjoni. Minħabba li jeħtieġu jsiru aktar emendi, huwa xieraq li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 284/2012 jiġi sostitwit b'Regolament ġdid.

(4) Il-miżuri eżistenti ġew riveduti filwaqt li ġiet meqjusa aktar minn 26 000 dejta ta' okkorrenza dwar ir-radjuattività fl-għalf u l-ikel provduta mill-awtoritajiet Ġappuniżi li jikkonċernaw it-tieni staġun ta' tkabbir wara l-inċident.

(5) Huwa xieraq li jiġu esklużi kunsinni personali mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Għal għalf u ikel li joriġina mill-annimali għandha ssir referenza għad-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 206/2009 tal-5 ta' Marzu 2009 dwar l-introduzzjoni fil-Komunità ta' kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jemenda r-Regolament (KE) 136/2004 ([5]). Għal ikel u għalf ieħor, għandu jiġi stipulat li l-kunsinni jistgħu jitqiesu bħala kunsinni personali biss jekk mhumiex kummerċjali u huma għal persuna privata għal konsum jew użu personali.

(6) L-awtoritajiet Ġappuniżi pprovdew tagħrif estensiv lill-Kummissjoni li flimkien max-xarbiet alkoħoliċi li diġà huma eżentati (is-sake, il-whiskey u x-shochu) xarbiet oħra mhux alkoħoliċi ma fihomx livelli li jistgħu jitkejlu ta' radjuattività. Il-proċess ta' ppolixxjar fermentazzjoni jnaqqas ir-radjuattività fix-xarba alkoħolika b'livell sinifikanti. Għalhekk huwa xieraq li jiġu esklużi sċerti xarbiet alkoħoliċi oħra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet Ġappuniżi u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li qed jimpurtaw.

(7) Id-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Ġappuniżi tipprovdi evidenza li ma għadhiex meħtieġa li jkun meħtieġ it-teħid ta' kampjuni u analiżi tal-ikel u l-għalf li joriġinaw fil-prefetturi ta' Yamanashi u Shizuoka dwar il-preżenza ta' radjuattività qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Ir-rekwiżit għat-teħid ta' kampjuni u l-analiżi għandhom jinżammu għat-te minn Shizuoka u l-faqqiegħ minn Shizuoka u Yamanashi.

(8) Minħabba li għadhom jinstabu livelli ta' radjuattività li mhumiex konformi jew li huma sinifikanti fl-ikel u l-għalf li joriġinaw fil-prefettura ta' Fukushima, huwa xieraq li jinżamm ir-rekwiżit eżistenti ta' teħid ta' kampjuni u analiżi qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni għall-ikel u l-għalf kollu li joriġina f'dik il-prefettura. Madankollu, l-eżenzjonijiet ġenerali, bħal dawk għal xarbiet alkoħoliċi u kunsinni personali, għandhom ikomplu jiġu applikati b'rabta ma' tali ikel u għalf.

(9) Fir-rigward tal-prefetturi ta' Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Tokyo, Iwate, Chiba and Kanagawa li bħalissa huwa meħtieġ li jittieħdu kampjuni u jiġi analizzat l-ikel u l-għalf kollu qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni, huwa xieraq li dak ir-rekwiżit ikun limitat għall-faqqiegħm it-te, prodotti tal-ħut, ċerti pjanti selvaġġi li jittieklu, ċertu ħaxix, ċertu frott, ross u fażola tas-sojja u l-prodotti proċessati u derivati minnhom. L-istess

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 80, 26.3.2011, p. 5.
([3]) ĠU L 252, 28.9.2011, p. 10.
([4]) ĠU L 92, 30.3.2012, p. 16.
([5]) ĠU L 77, 24.3.2009, p. 1.

rekwiżiti għandhom japplikaw għal oġġetti tal-ikel komposti li fihom aktar minn 50 % ta' ingredjent/i li għalih huma meħtieġa testijiet qabel esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(10) Il-kontrolli mwettqa waqt l-importazzjoni juru li l-kundizzjoni speċjali stipulati mil-liġi tal-Unoni huma implimentati sew mill-awtoritajiet Ġappuniżi u ma kienx hemm nuqqas ta' konformità għal aktar minn sena. Ghaldaqstant huwa xieraq li titnaqqas il-frekwenza ta' kontrolli waqt l-importazzjoni u r-rappurtar tar-riżultati lill-Kummissjoni.

(11) Huwa xieraq li tiġi prevista reviżjoni li jmiss tad-dispożizzjonijiet meta r-riżultati tat-teħid ta' kampjuni u l-analiżi dwar il-preżenza tar-radjuattività tal-ikel u l-għalf tat-tielet staġun ta' tkabbir wara l-inċident tkun disponibbli, jiġifieri sal-31 ta' Marzu 2014. Madankollu, għall-prodotti li għalihom l-ħsad huwa prinċipalment fit-tieni parti tat-tieni staġun ta' tkabbir u għaldaqstant id-dejta kollha tat-tieni staġun ta' tkabbir għadha mhijiex disponibbli, huwa xieraq li tiġi prevista reviżjoni tad-dispożizzjonijiet għal dawn il-prodotti sal-31 ta' Marzu 2013.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' Applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-għalf u l-ikel skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 [1] li joriġina jew li ġej mill-Ġappun, bl-esklużjoni ta':

(a) il-prodotti li ħarġu mill-Ġappun qabel it-28 ta' Marzu 2011;

(b) il-prodotti li nħasdu u/jew li ġew ipproċessati qabel il-11 ta' Marzu 2011;

(c) xarbiet alkoħoliċi li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 2203 sa 2208;

(d) kunsinni personali tal-għalf u l-ikel li joriġinaw mill-annimali li huma koperti mill-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) 206/2009;

(e) kunsinni personali tal-għalf u l-ikel ħlief dawk li joriġinaw mill-annimali li mhumiex kummerċjali u għal persuna privata għal konsum u użu personali biss. F'każ ta' dubju, il-piż tal-provi huwa tar-riċevitur tal-kunsinna.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, "miżuri tranżitorji previsti fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża" tfisser il-miżuri tranżitorji adottati mill-awtoritajiet Ġappuniżi fl-24 ta' Frar 2012 fir-rigward tal-livelli massimi għat-total taċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137 kif stipulati fl-Anness III.

"Kunsinna" tfisser kwantità ta' kwalunkwe għalf jew ikel li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tal-istess klassi jew deskrizzjoni, kopert mill-istess dokument/i, imwassal bl-istess mezzi ta' trasport u ġejj mill-istess prefettura/i tal-Ġappun, fil-limiti permessi mid-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 5.

*Artikolu 3*

**Importazzjoni fl-Unjoni**

L-għalf u l-ikel (minn hawn 'il quddiem - "il-prodotti") imsemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu impurtati biss fl-Unjoni jekk jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Livelli massimi taċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137**

1. Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, ħlief għal dawk li jidħru fl-Anness III, għandhom jikkonformaw mal-livell massimu għat-total taċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137 kif stipulat fl-Anness II.

2. Il-prodotti li jidħru fl-Anness III għandhom jikkonformae mal-livell massimu għaċ-ċesju radjuattiv stipulat f'dak l-Aness.

*Artikolu 5*

**Dikjarazzjoni**

1. Kull kunsinna ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni valida mfassla u ffirmata skont l-Artikolu 6.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha:

(a) tiċċertifika li l-prodotti jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Ġappun u

(b) tispeċifika jekk il-prodotti jaqawx jew le taħt il-miżuri tranżitorji previsti fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża.

3. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha wkoll tiċċertifika li:

(a) il-prodott inħasad u/jew ġie pproċessat qabel il-11 ta' Marzu 2011; jew

(b) il-prodott, ħlief te u faqqiegħ li joriġinaw fil-prefettura ta' Shizuoka u ħlief te u faqqiegħ li joriġinaw fil-prefettura ta' Yamanashi, joriġina u ġej minn prefettura għajr dawk ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Yamanashi, Saitama, Tokyo, Chiba, Kanagawa u Iwate; jew

(c) il-prodott joriġina fi Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Tokyo, Chiba, Kanagawa u Iwate huwa kunsinnat minn hemm iżda mhux elenkat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament (u konsegwentament ma hemmx bżonn analiżi qabel l-esportazzjoni); jew

(d) il-prodott huwa kunsinnat mill-prefetturi ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Yamanashi, Saitama, Tokyo, Chiba, Kanagawa u Shizuoka, iżda ma joriġinax minn waħda minn dawn il-prefetturi u ma ġiex espost għar-radjoattività matul it-tranżitu; jew

[1] ĠU L 371, 30.12.1987, p. 11.

(e) meta l-prodott ikun te jew faqqiegħ li joriġinaw fil-prefettura ta' Shizuoka jew faqqiegħ li joriġina fil-prefettura ta' Yamanashi, jew prodott derivat jew għalf jew ikel kompost li fih aktar minn 50 % ta' dawn il-prodotti, il-prodott huwa akkumpanjat minn rapport analitiku li jinkludi riżultati ta' teħid ta' kampjuni u analiżi; jew

(f) meta l-prodott, elenkat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament, joriġina fil-prefetturi ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Tokyo, Chiba, Kanagawa u Iwate jew huwa għalf jew ikel kompost li fih aktar minn 50 % ta' dawn il-prodotti, il-prodott huwa akkumpanjat minn rapport analitiku li jinkludi riżultati ta' teħid ta' kampjuni u analiżi. Il-lista ta' prodotti fl-Anness IV hija bla ħsara għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid [1]. jew

(g) meta l-oriġini tal-prodott hew tal-ingredjenti preżenti f'aktar minn 50 % mhuwiex magħruf, il-prodott huwa akkumpanjat minn rapport analitiku li jinkludi r-riżultati ta' teħid ta' kampjuni u analiżi.

4. Il-punt (f) tal-paragrafu 3 għandu japplika wkoll għal prodotti li nqabdu jew inħasdu mill-ibħra tal-kosta tal-prefetturi msemmija hemmhekk, irrispettivament minn fejn jaslu dawn il-prodotti.

*Artikolu 6*

**Tfassil u ffirmar tad-dikjarazzjoni**

1. Id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 għandha titfassal skont il-mudell stipulat fl-Anness I.

2. Għall-prodotti msemmija fil-punti (a), (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 5(3), id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata minn rappreżentant awtorizzat tal-awtorità kompetenti Ġappuniża jew minn rappreżentant awtorizzat ta' entità awtorizzata mill-awtorità kompetenti Ġappuniża taħt l-awtorità u s-sorveljanza tal-awtorità kompetenti Ġappuniża.

3. Għall-prodotti msemmija fil-punt (e), (f) u (g) tal-Artikolu 5(3), id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata minn rappreżentant awtorizzat tal-awtorità kompententi Ġappuniża u għandha tkun akkumpanjata minn rapport analitiku li jkun fih ir-riżultati tat-teħid tal-kampjuni u l-analiżi.

*Artikolu 7*

**Identifikazzjoni**

Kull kunsinna tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun identifikata permezz ta' kodiċi li għandu jkun indikat fuq id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1), fuq ir-rapport analitiku msemmi fl-Artikolu 5(3), fuq iċ-ċertifikat sanitarju u fuq kwalunkwe dokumenti kummerċjali li jakkumpanjaw il-kunsinna.

*Artikolu 8*

**Postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u punt tad-dħul magħżul**

Il-kunsinni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, ħlief dawk li jaqaw fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE [2], għandhom jiġu introdotti fl-Unjoni permezz ta' punt tad-dħul magħżul skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 [3] (minn hawn 'il quddiem - "il-punt tad-dħul magħżul").

*Artikolu 9*

**Notifika minn qabel**

L-operaturi tan-negozji tal-għalf u tal-ikel jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jagħtu notifika minn qabel tal-wasla ta' kull kunsinna ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1, minn tal-inqas jumejn ta' xogħol qabel il-wasla fiżika tal-kunsinna lill-awtoritajiet kompetenti fuq il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew fuq il-punt tad-dħul magħżul.

*Artikolu 10*

**Kontrolli uffiċjali**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew tal-punt tad-dħul magħżul għandhom iwettqu:

(a) kontrolli tad-dokumenti fuq il-kunsinni kollha ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1;

(b) kontrolli fiżiċi u tal-identità, inkluża analiżi tal-laboratorju għall-preżenza ta' ċesju-134 u ċesju-137, fuq 5 % tal-kunsinni.

2. Il-kunsinni għandhom jinżammu taħt kontroll uffiċjali, għal massimu ta' ħamest ijiem ta' xogħol, sakemm ikunu disponibbli r-riżultati tal-analiżi tal-laboratorju.

3. Jekk ir-riżultat tal-analiżi tal-laboratorju jipprovdi evidenza li l-garanziji pprovduti fid-dikjarazzjoni huma foloz, id-dikjarazzjoni titqies bħala mhux valida u l-kunsinna tal-għalf u tal-ikel ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 11*

**Spejjeż**

L-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 10 u kwalunkwe miżura li tittieħed wara li jkun hemm nuqqas ta' konformità, għandhom jitħallsu mill-operaturi tan-negozju tal-għalf u l-ikel.

*Artikolu 12*

**Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa**

Il-kunsinni jistgħu jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa biss jekk l-operatur tan-negozju tal-għalf u l-ikel jew ir-rappreżentant tiegħu jippreżenta dikjarazzjoni lill-awtoritajiet doganali, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), li:

(a) tkun ġiet approvata kif dovut mill-awtorità kompetenti fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew fil-punt tad-dħul magħżul; u

(b) tipprovdi evidenza li l-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 10 jkunu twettqu u li r-riżultati ta' dawn il-kontrolli kienu favorevoli.

*Artikolu 13*

**Prodotti li mhumiex konformi**

Il-prodotti li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. Tali prodotti għandhom jintremew b'mod sigur jew jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini.

[1] ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.
[2] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
[3] ĠU L 194, 25.7.2009 p. 11.

*Artikolu 14*

## Rapporti

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni kull tliet xhur permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija għall-Għalf u l-Ikel (RASFF) bir-riżultati analitiċi kollha miksuba. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat matul ix-xahar li jaħbat wara kull taqsima ta' tliet xhur fis-sena.

*Artikolu 15*

## Revoka

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 284/2012 huwa revokat.

Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jittieħdu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 16*

## Miżura tranżitorja

B'deroga mill-Artikolu 3, il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu impurtati fl-Unjoni jekk jikkonformaw mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 284/2012, fejn:

(a) il-prodotti jkunu telqu mill-Ġappun qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; jew

(b) il-prodotti jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 284/2012 li tkun inħarġet qabel l-1 ta' Novembru 2012 u l-prodotti jkunu telqu mill-Ġappun qabel l-1 ta' Diċembru 2012

*Artikolu 17*

## Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2014.

Dan ir-Regolament għandu jiġi rivedut qabel il-31 ta' Marzu 2013 fir-rigward tal-prodotti li l-ħsad tagħhom huwa prinċipalment bejn Awwissu u Novembru u fir-rigward il-ħut u l-prodotti tas-sajd.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Dikjarazzjoni għall-importazzjoni fl-Unjoni ta'**

.................................................................................................. (Prodott u pajjiż ta' oriġini)

**Kodiċi ta' Identifikazzjoni tal-Lott ................................................ Numru tad-Dikjarazzjoni ................................................**

Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 996/2012 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni tal-għalf u l-ikel li joriġinaw fi jew ġejjin mill-Ġappun wara l-inċident talimpjant tal-enerġija nukleari ta' Fukushima il-

..............................................................................................................................................................................................

(rappreżentant awtorizzat msemmi fl-Artikolu 6 (2) jew 6(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 996/2012)

JIDDIKJARA li l- ..............................................................................................................................................................

.................................................................................................................................................. (prodotti msemmija fl-Artikolu 1)

ta' din il-kunsinna magħmula minn: ........................................................................................................................

....................................................................... (deskrizzjoni tal-kunsinna, prodott, numru u tip ta' pakketti, piż gross jew nett)

imbarkat fi ........................................................................................................................................ (post ta' imbarkazzjoni)

fi ........................................................................................................................................................ (data tal-imbarkazzjoni)

minn ..................................................................................................................................... (identifikazzjoni tat-trasportatur)

lejn ........................................................................................................................................ (post u pajjiż ta' destinazzjoni)

li ġej mill-istabbiliment ....................................................................................................................................................

.................................................................................................................................................. (isem u indirizz tal-istabbiliment)

huwa konformi mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Ġappun fir-rigward tal-livelli massimi għat-total ta' ċesju-134 u ċesju-137.

JIDDIKJARA li l-kunsinna tikkonċerna għalf u ikel

☐ **li ma jaqgħux taħt il-miżuri tranżitorji** stipulati fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża (ara l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 996/2012) fir-rigward tal-livell massima għat-total ta' ċesju-134 u ċesju-137

☐ **li jaqgħu taħt il-miżuri tranżitorji** stipulati fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża (ara l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 996/2012) fir-rigward tal-livell massima għat-total ta' ċesju-134 u ċesju-137

JIDDIKJATA li l-kunsinna tikkonċerna:

☐ għalf jew ikel li nħasad u/jew ġie pproċessat qabel il-11 ta' Marzu 2011;

☐ għalf jew ikel li joriġina fi prefettura jew ġej minn waħda ħlief dawk ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Tokyo, Chiba, Kanagawa u Iwate, ħlief te u faqqiegħ li joriġinaw fil-prefettura ta' Shizuoka ħlief faqqiegħ li joriġina fil-prefettura ta' Yamanashi;

☐ għalf u ikel li ġejjin mill-prefetturi ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Tokyo, Chiba, Kanagawa u Iwate, iżda li ma joriġinawx f'waħda minn dawk il-prefetturi u li ma ġewx esposti għal radjuattività matul ittranżitu;

☐ għalf u ikel mhux elenkati fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 996/2012, li joriġinaw fi u ġejjin minn unma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Tokyo, Chiba, Kanagawa u Iwate;

☐ te jew faqqiegħ jew għalf jew ikel kompost li fih aktar minn 50 % ta' dawn il-prodotti, li joriġina fil-prefettura ta' Shizuoka, u li ttieħdu kampjuni minnu fi ......................... (data), soġġetti għal analiżi tal-laboratorju fi ........................

(data) fil- ......................................................................................................................................................................

(isem il-laboratorju), biex jiġu determinati l-livelli ta' radjunuklidi, ċesju-134 u ċesju-137. Ir-rapport analitiku huwa mehmuż;

☐ faqqiegħ jew għalf jew ikel kompost li fih aktar minn 50 % ta' dawn il-prodotti, li joriġina fil-prefettura ta' Yamanashi, u li ttieħdu kampjuni minnu fi ................................... (data), soġġetti għal analiżi tal-laboratorju fi .................................

(data) fil- ..............................................................................................................................................................................

(isem il-laboratorju), biex jiġu determinati l-livelli ta' radjunuklidi, ċesju-134 u ċesju-137. Ir-rapport analitiku huwa mehmuż;

☐ għalf u ikel elenkati fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 996/2012 jew għalf jew ikel kompost li fih aktar minn 50 % ta' dawn il-prodotti, li joriġinaw fil-prefetturi ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Tokyo, Chiba, Kanagawa u Iwate, u ttieħdu kampjuni minnhom fi ........................................................... (data), soġġetti għal analiżi tal-laboratorju fi ...................................... (data) fil- .................................... (isem il-laboratorju), biex jiġu determinati l-livelli ta' radjunuklidi, ċesju-134 u ċesju-137. Ir-rapport analitiku huwa mehmuż;

☐ għalf u ikel ta' oriġini mhux magħrufa jew li jinkludi aktar minn 50 % ta' ingredjent/i ta' oriġini mhux magħrufa u li ttieħdu kampjuni minnu fi ................................ (data), soġġetti għal analiżi tal-laboratorju fi ................................ (data) fil- ........................................... (isem il-laboratorju), biex jiġi determinat il-livell ta' radjunuklidi, ċesju-134 u ċesju-137. Ir-rapport analitiku huwa mehmuż.

Magħmul fi ................................................................................................ fi ................................................................................................

Timbru u firma tar- rappreżentant awtorizzat msemmi fl-Artikolu 6 (2) jew (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 996/2012,

*Parti li għandha timtela mill-awtorità kompetenti fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera (BIP) jew punt tad-dħul magħżul (DPE)*

☐ Il-kunsinna ġiet aċċettata biex tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni

☐ Il-kunsinna MA ĠIETX aċċettata biex tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni

..............................................................................................................................................................................

(Awtorità kompetenti, Stat Membru)

..............................................................................................................................................................................

Data Timbru Firma

*ANNESS II*

**Livelli massimi għall-ikel** (1) **(Bq/kg) kif stipulat fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża**

| | Ikel għat-trabi u tfal żgħar | Ħalib u xarbiet abbażi tal-ħalib | Ikel ieħor bl-eċċezzjoni ta' - ilma minerali u xarbiet simili - te magħmul minn weraq mhux fermentati | Ilma minerali u xarbiet simili u te magħmul weraq mhux fermentati |
|---|---|---|---|---|
| Total ta' ċesju-134 u ċesju-137 | 50 (2) | 50 (2) | 100 (2) | 10 (2) |

(1) Għal prodotti mniffxin li huma maħsuba biex jiġu kkunsmati fi stat rikostitwit, il-livell massimu japplika għall-prodott rikostitwit kif ikun lest għall-konsum.
Għal faqqiegħ imnixxef fattur ta' rikostruzzjoni ta' 5 huwa applikabbli.
Għat-te, il-livell massimu japplika għal infużjoni magħmula minn weraq tat-te. Il-fattur ta' proċessar għal te mnixxef huwa ta' 50, u għaldaqstant il-livell massimu ta' 500 Bq/kg fuq weraq tat-te mnixxfa jiżgura li l-livell fit-te ma jaqbiżx il-livell massimu ta' 10 Bq/kg.
(2) Sabiex tiġi żgurata konsistenta mal-livelli massimi, applikati bħalissa fil-Ġappun, dawn il-valuri jissostittwixxu fuq bażi provviżorja l-valuri stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87.

**Livelli massimi għall-għalf** (1) **(Bq/kg) kif stipulat fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża**

| | Għalf maħsub għal bhejjem u żwiemel | Għalf maħsub għall-ħnieżer | Għalf maħsub għat-tjur | Għalf għall-ħut (3) |
|---|---|---|---|---|
| Total ta' ċesju-134 u ċesju-137 | 100 (2) | 80 (2) | 160 (2) | 40 (2) |

(1) Livell massimu huwa relattiv għal għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %.
(2) Sabiex tiġi żgurata konsistenta mal-livelli massimi applikati bħalissa fil-Ġappun, dawn il-valuri jissostittwixxu fuq bażi provviżorja l-valuri stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 770/90 (ĠU L 83, 30.3.1990, p. 78).
(3) Bl-eċċezzjoni ta' għalf għal ħut ornamentali.

*ANNESS III*

**Miżuri tranżitorji stipulati fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża u ta' applikazzjoni għal dan ir-Regolament**

(a) Ħalib u prodotti magħmula mill-ħalib, ilma minerali u xarbiet simili li huma manifatturati u/jew ipproċessati qabel il-31 ta' Marzu 2012 ma għandhomx jinkludu ċesju radjuattiv ta' aktar minn 200 Bq/kg. Ikel ieħor, ħlief għar-ross, il-fażola tas-sojja u prodotti ipproċessati minnhom li huma manifatturati, u/jew ipproċessati qabel il-31 ta' Marzu 2012 ma għandhomx jinkludu ċesju radjuattiv ta' aktar minn 500 Bq/kg.

(b) Prodotti magħmula minn ross li huwa manifatturat, u/jew proċessati qabel it-30 ta' Settembru 2012 ma għandhomx jinkludu ċesju radjuattiv aktar minn 500 Bq/kg.

(c) Fażola tas-sojja li nħasdet u tqiegħdet fis-suq qabel il-31 ta' Diċembru 2012 ma għandhomx jinkludu ċesju radjuattiv aktar minn 500 Bq/kg.

(d) Prodotti magħmula minn fażola tas-sojja li hija manifatturata, u/jew proċessati qabel il-31 ta' Diċembru 2012 ma għandhomx jinkludu ċesju radjuattiv aktar minn 500 Bq/kg.

*ANNESS IV*

**Għalf u ikel li huwa meħtieġ teħid ta' kampjuni u analiżi fil-preżenza ta' ċesju-134 u ċesju-137 qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni**

(a) prodotti li joriġinaw fil-prefettura ta' Fukushima:

— il-prodotti kollha, filwaqt li titqies l-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

(b) prodotti li joriġinaw fil-prefettura ta' Shizuoka:

— te u prodotti ppročessati minnu li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0902 2101 20 u 2202 90 10;

— faqqiegħ u prodotti ppročessati minnu li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0709 51, 0709 59, 0710 80 61, 0710 80 69, 0711 51 00, 0711 59, 0712 31, 0712 32, 0712 33, 0712 39, 2003 10, 2003 90 u 2005 99 80.

(c) prodotti li joriġinaw fil-prefettura ta' Yamanashi:

— faqqiegħ u prodotti ppročessati minnu li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0709 51, 0709 59, 0710 80 61, 0710 80 69, 0711 51 00, 0711 59, 0712 31, 0712 32, 0712 33, 0712 39, 2003 10, 2003 90 u 2005 99 80.

(d) prodotti li joriġinaw fil-prefetturi ta' Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Tokyo, Chiba, Kanagawa jew Iwate:

— te u prodotti ppročessati minnhom li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0902, 2101 20 u 2202 90 10;

— faqqiegħ u prodotti ppročessati minnu li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0709 51, 0709 59, 0710 80 61, 0710 80 69, 0711 51 00, 0711 59, 0712 31, 0712 32, 0712 33, 0712 39, 2003 10, 2003 90 u 2005 99 80;

— ħut u prodotti tas-sajd li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307 u 0308 (*);

— ross u prodotti ppročessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 1006, 1102 90 50, 1103 19 50, 1103 20 50, 1104 19 91, 1104 19 99, 1104 29 17, 1104 29 30, 1104 29 59, 1104 29 89, 1104 30 90, 1901, 1904 10 30, 1904 20 95, 1904 90 10 u 1905 90 (*);

— fażola tas-sojja u prodotti ppročessati minnha li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1201 90, 1208 10, 1507 (*);

— Fażola żgħira (adzuki) li taqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0708 20, 0713 32 00 u prodotti ppročessati minnha li jaqgħu taħt il-kodiċi NM bħal 1106 10 (*);

— bluberries u prodotti ppročessati minnhom li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0810 40 30, 0810 40 50, 0811 90 50, 0811 90 70, 0812 90 40, 0813 40 95;

— lewż ginko li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0802 90 85 u prodotti ppročessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM bħal 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, 0813 40 95;

— Berquqa Ġappuniża li taqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0809 40 05 u prodotti ppročessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM bħal 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, 0813 40 95;

— frott taċ-ċitru li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0805, il-qoxra tal-frott taċ-ċitru li taqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0814 00 00 u prodotti ppročessati li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM bħal 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 25, 0812 90 98, 0813 40 95 (*);

— Frotta tal-kaki Ġappuniża li taqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0810 70 00 u prodotti ppročessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, 0813 40 95 (*);

— rummien li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0810 90 75 u prodotti ppročessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM bħal 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, 0813 40 95 (*);

— chocolate vine (*Akebia quinata*) u prodotti ppročessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0810 90 75, 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, u 0813 40 95;

— frott taż-żerriegħa (*Chaenomeles*) li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0810 90 75 u prodotti ppročessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, 0813 40 95 (*);

— pawpaws (*Asimina triloba*) li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0810 90 75 u prodotti ppročessati minnhom li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, 0813 40 95 (*);

— lanġas li jaqa’ fi ħdan il-kodiċi NM 0808 30 10 u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM bħal 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, 0813 40 30 (*);

— qastan li jaqa’ fi ħdan il-kodiċi NM 0802 41 00 u 0802 42 00 u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM bħal 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, 0813 40 95 (*);

— ġewż li jaqa’ fi ħdan il-kodiċi NM 0802 31 00 u 0802 32 00 u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM bħal 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, 0813 40 95 (*);

— Ashitaba (*Angelica keiskei*) u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— butterbur ġgant (fuki), butterbur scape Ġappuniż (*Petasites japonicus*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— ġinġer Ġappuniż (Myoga) li jaqa’ fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90, 0712 90 u prodotti pproċessati minnu bħal dawk li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 2008 99 49, 2008 99 67;

— partijiet li jittieklu ta’ *Aralia* sp. u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— bambù shoot (*Phyllostacys pubescens*) u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90, 0712 90, 2004 90 u 2005 91;

— bracken (*Pteridium aquilinum*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— partijiet li jittieklu ta’ horseradishe jew wasabi Ġappuniż (*Wasabia japonica*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90 u 0910 99;

— Tursin Ġappuniż (*Oenanthe javanica*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— Bżar Ġappuniż (*Zanthoxylum piperitum*) li jaqa’ fi ħdan il-kodiċi NM 0910 99;

— Royal fern Ġappuniż (*Osmunda japonica*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— koshiabura (nebbieta ta’ *Eleuterococcus sciadophylloides*) u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— momijigasa (*Parasenecio delphiniifolius*) u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— ostrich fern (*Matteuccia struthioptheris*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— plantain lily (*Hosta Montana*) u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— uwabamisou (*Elatostoma umbellatum var. majus*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— victory onion (*Allium victorialis subsp, Platyphyllum)* u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0703 10, 0710 80, 071190071220 u 0712 90;

— xewk (*Cirsium japonicum*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90 (*);

— yobusumaso (Honma) (*Cacalia hastata ssp orientalis*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90 (*);

— *Synurus pungens* (Oyamabokuchi) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90 (*);

— denb iż-żiemel tal-għelieqi (*Equisetum arvense*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90 (*);

— *Actinidia polygama* (silver vine) u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0810 90 75, 0811 90 19, 0811 90 39, 0811 90 95, 0812 90 98, u 0813 40 95 (*);

— Taro (*Colocasia esculenta*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0714 40 (*);

— Yacon (*Smallanthus sonchifolius*) u u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90, 0712 90 u 0714 90 (*);

(*) l-elenku ta' dawn il-prodotti se jiġi rivedut qabel il-31 ta' Marzu 2013 filwaqt li jqis ir-riżultati analitiċi fil-perjodu ta' bejn Settembru 2012 sa Diċembru 2012.

(e) prodotti komposti li jinkludu aktar minn 50 % tal-prodotti msemmija fl-intestaturi (a), (b), (c) u (d) ta' dan l-Anness.

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 997/2012

## tas-26 ta’ Ottubru 2012

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta’ Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati [2] u b’mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta’ kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta’ Ottubru 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F’isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 38,5 |
| | MA | 49,6 |
| | MK | 40,5 |
| | ZZ | 42,9 |
| 0707 00 05 | AL | 36,9 |
| | MK | 32,3 |
| | TR | 126,2 |
| | ZZ | 65,1 |
| 0709 93 10 | TR | 116,3 |
| | ZZ | 116,3 |
| 0805 50 10 | AR | 57,6 |
| | CL | 75,4 |
| | TR | 83,1 |
| | UY | 56,6 |
| | ZA | 88,8 |
| | ZZ | 72,3 |
| 0806 10 10 | BR | 258,6 |
| | LB | 333,4 |
| | MK | 87,0 |
| | TR | 158,3 |
| | US | 225,7 |
| | ZZ | 212,6 |
| 0808 10 80 | CL | 148,8 |
| | CN | 95,2 |
| | MK | 34,4 |
| | NZ | 128,3 |
| | US | 118,8 |
| | ZA | 150,3 |
| | ZZ | 112,6 |
| 0808 30 90 | CN | 51,0 |
| | TR | 113,5 |
| | ZZ | 82,3 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-25 ta' Ottubru 2012**

**dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fl-Isvezja**

(2012/664/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 25 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 20 u l-Kapitolu 4 tal-Anness tagħha,

Billi:

(1) Taħt il-Protokoll dwar id-Dispożizzjonijiet Transitorji anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-effetti ġuridiċi tal-atti tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona huma ppreservati sa meta dawk l-atti jiġu mħassra, annullati jew emendati fl-implimentazzjoni tat-Trattati.

(2) Konsegwentement, l-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI huwa applikabbli u l-Kunsill irid jiddeċiedi unanimament jekk l-Istati Membri implimentawx id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6 ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) L-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI jipprovdi li d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI għandhom jittieħdu abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni bbażat fuq kwestjonarju. Fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' *data* f'konformità mal-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġi bbażat fuq żjara ta' evalwazzjoni u prova pilota.

(4) Taħt il-punt 1.1 tal-Kapitolu 4 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-kwestjonarju mfassal mill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill jikkonċerna kull wieħed mill-iskambji awtomatizzati ta' *data* u għandu jiġi mwieġeb minn Stat Membru hekk kif huwa jemmen li huwa jissodisfa l-prerekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-*data* fil-kategorija rilevanti ta' *data*.

(5) L-Isvezja lestiet il-kwestjonarju dwar il-protezzjoni tad-data u l-kwestjonarju dwar id-*Data* dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD).

(6) Saret b'suċċess prova pilota mill-Isvezja mal-Pajjiżi l-Baxxi.

(7) Saret żjara ta' evalwazzjoni fl-Isvezja u sar rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni mill-iskwadra ta' evalwazzjoni Belġjana/Olandiża li ntbagħat lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill.

(8) Ġie ppreżentat lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jagħti sintesi tar-riżultati tal-kwestjonarju, taż-żjara ta' evalwazzjoni u tal-prova pilota fir-rigward tal-VRD,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' tiftix awtomatizzat ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD), l-Isvezja implimentat bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI u hija intitolata li tirċievi u tipprovdi data personali skont l-Artikolu 12 ta' dik id-Deċiżjoni mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. MAVROU

([1]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

([2]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/665/PESK

## tas-26 ta' Ottubru 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ottubru 2010, bid-Deċiżjoni 2010/638/PESK [1] il-Kunsill impona miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea.

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2010/638/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu estiżi sas-27 ta' Ottubru 2013.

(3) Jeħtieġ li l-miżuri dwar l-embargo tal-armi previsti fid-Deċiżjoni 2010/638/PESK jiġu emendati.

(4) Id-Deċiżjoni 2010/638/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċizjoni 2010/638/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2(1), huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdied il-punt li ġej:

"(g) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' splussivi u tagħmir relatat intenzjonat biss għal użu ċivili f'investimenti ta' tħaffir u infrastruttura u l-provvista ta' għajnuna teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħra kif ukoll il-provvista ta' finanzjament u assistenza finanzjarja relatata ma' oġġetti bħal dawn, dment li l-ħżin u l-użu tal-isplussivi u tat-tagħmir relatat ikun kkontrollat u vverifikat minn korp indipendenti u l-fornituri ta' servizzi relatati jkunu identifikati;";

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"F'każijiet li jaqgħu taħt il-punt (g) Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra ġimgħatejn bil-quddiem bl-intenzjoni tiegħu li jagħti approvazzjoni taħt dak il-punt.".

(2) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-27 ta' Ottubru 2013. Hija għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hija tista' tiġġedded jew tiġi emendata, kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

[1] ĠU L 280, 26.10.2010, p. 10.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-25 ta' Ottubru 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2008/855/KE dwar il-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-Ungerija

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 7433)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/666/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u zootekniċi applikabbli għall-kummerċ intraKomunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u ta' prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi,

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/855/KE tat-3 ta' Novembru 2008 dwar il-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri ([3]) tistipula ċerti miżuri ta' kontroll għad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-Istati Membri jew reġjuni tagħhom elenkati fl-Anness ma' dik id-Deċiżjoni. Dik il-lista tinkludi l-kontea ta' Nógrád fl-Ungerija.

(2) L-Ungerija għarrfet lill-Kummissjoni dwar żviluppi riċenti fir-rigward ta' deni klassiku tal-ħnieżer fit-territorju tal-kontea ta' Nógrád elenkat fl-Anness mad-Deċiżjoni 2008/855/KE.

(3) Dik l-informazzjoni tindika li d-deni klassiku tal-ħnieżer nqered fit-territorju tal-kontea ta' Nógrád. Għaldaqstant, il-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2008/855/KE ma għandhomx jibqgħu japplikaw għal dik il-kontea u r-referenza għal-kontea ta' Nógrád fil-lista stipulata fil-Parti I tal-Anness tagħha għandha titħassar.

(4) Id-Deċiżjoni 2008/855/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fil-Parti I tad-Deċiżjoni 2008/855/KE, il-punt 3 hu mibdul b'li ġej:

"3. **L-Ungerija**

It-territorju tal-kontea ta' Pest li jinsab fit-tramuntana u fil-lvant tad-Danubju, fin-nofsinhar tal-fruntiera mas-Slovakkja, fil-punent tal-fruntiera mal-kontea ta' Nógrád u fit-tramuntana tal-awtostrada E71."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Maroš ŠEFČOVIČ

*Viċi President*

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19.

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tal-25 ta' Ottubru 2012**

**li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tiġi miġġielda l-influwenza avjarja fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2011**

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 7440)*

**(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)**

(2012/667/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 90(1) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, l-impenn ta' nefqa mill-baġit tal-Unjoni għandu jkollu qablu deċiżjoni ta' finanzjament li tistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li jinvolvu nefqa u li tiġi adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet b'setgħat li ġew delegati lilhom mill-istituzzjoni.

(2) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Bil-ħsieb li tingħata għajnuna biex l-influwenza avjarja tinqered malajr kemm jista' jkun, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għal nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istati Membri. L-ewwel u t-tieni inċiż tal-Artikolu 4(3), ta' dik id-Deċiżjoni jistabbilixxu r-regoli dwar il-perċentwali li trid tiġi applikata għall-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri.

(3) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jistabbilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard tal-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE [2], jistabbilixxi regoli dwar in-nefqa eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/132/UE tal-15 ta' Frar 2012 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra l-influwenza avjarja fil-Ġermanja, fl-Italja u fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2011 [3], ikkonċediet kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influwenza avjarja fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2011. Fit-13 ta' April 2012, il-Pajjiżi l-Baxxi ppreżentaw talba uffiċjali għal rimborż kif stipulat fl-Artikoli 7(1) u 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.

(5) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għandu jiġi soġġett għall-kundizzjoni li l-attivitajiet ippjanati kienu implimentati u li l-awtoritajiet ipprovdew it-tagħrif kollu meħtieġ fiż-żmien stipulat.

(6) Il-Pajjiżi l-Baxxi, b'konsistenza mal-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE, għarrfu minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar il-miżuri applikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-notifika u l-qerda u r-riżultati tagħha. Skont kif jitlob l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005, it-talba għar-rimborż kienet akkumpanjata b'rapport finanzjarju, dokumenti ta' prova, rapport epidemjoloġiku dwar kull stabbiliment fejn l-annimali nqatlu jew inqerdu u r-riżultati tal-awditjar rispettiv.

(7) L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-metodu għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli u l-konklużjonijiet finali ġew ikkomunikati lill-Pajjiżi l-Baxxi fil-25 ta' April 2012 u fl-4 ta' Ġunju 2012. Il-Pajjiżi l-Baxxi qablu permezz ta' e-Mail bid-data tal-11 ta' Ġunju 2012.

(8) Konsegwentement, l-ammont totali tal-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni għan-nefqa eliġibbli mġarrba marbuta mal-qerda tal-influwenza avjarja fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2011 issa jista' jiġi stabbilit.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għan-nefqa marbuta mal-qerda tal-influwenza avjarja fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2011 hija stabbilita għal EUR 429 425,74.

[1] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.
[2] ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.
[3] ĠU L 59, 1.3.2012, p. 34.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju, hija indirizzata lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kummissjoni*
Maroš ŠEFČOVIČ
*Viċi President*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-25 ta' Ottubru 2012

## li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda għall-ġlieda kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Bulgarija fl-2011

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 7454)*

**(It-test bil-Bulgaru biss huwa awtentiku)**

(2012/668/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 90(1) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, l-impenn ta' nfiq mill-baġit tal-Unjoni għandu jkollu qablu deċiżjoni ta' finanzjament li tistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa u li tiġi adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet b'setgħat li ġew delegati lilhom mill-istituzzjoni.

(2) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Bil-ħsieb li tgħin biex tinqered il-marda tal-ilsien u d-dwiefer malajr kemm jista' jkun, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istati Membri. L-Artikolu 14(4) ta' dik id-Deċiżjoni jistipula r-regoli dwar il-perċentwal li jrid jiġi applikat għall-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri.

(3) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jistabbilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard tal-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE [2], jistabbilixxi regoli dwar in-nefqa eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/730/UE tad-9 ta' Novembru 2011 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta'emerġenza għall-ġlieda kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Bulgarija fl-2011 [3], ikkonċediet kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Bulgarija fl-2011. Fid-9 ta' Diċembru 2011 u fl-24 ta' Jannar 2012 ġiet ippreżentata talba uffiċjali għar-rimborż mill-Bulgarija, kif stipulat fl-Artikoli 7(1) u 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.

(5) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għandu jiġi soġġett għall-kundizzjoni li l-attivitajiet ippjanati kienu fil-fatt implimentati u li l-awtoritajiet ipprovdew it-tagħrif kollu meħtieġ fiż-żmien stipulat.

(6) B'konformità mal-Artikolu 14(3) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE u mingħajr dewmien, il-Bulgarija għarrfet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri li ġew applikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-notifika u l-qerda u r-riżultati tagħhom. Kif jitlob l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005, it-talba għar-rimborż kienet akkumpanjata b'rapport finanzjarju, dokumenti ta' sostenn, rapport epidemjoloġiku dwar kull stabbiliment fejn l-annimali nqatlu jew inqerdu u r-riżultati tal-awditjar rispettiv.

(7) L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-metodu għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli u l-konklużjonijiet finali ġew ikkomunikati lill-Bulgarija fl-19 ta' Ġunju 2012. Il-Bulgarija qablet permezz ta' e-Mail datata l-20 ta' Ġunju 2012.

(8) Konsegwentement, l-ammont totali tal-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni għan-nefqa eliġibbli mġarrba b'rabta mal-qerda tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Bulgarija fl-2011 issa jista' jiġi stabbilit.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa marbuta mal-qerda tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Bulgarija fl-2011 issa hija stabbilita għal EUR 463 583,37.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju, hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Maroš ŠEFČOVIČ

*Viċi President*

---

[1] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.
[2] ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.
[3] ĠU L 293, 11.11.2011, p. 36.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT